

# Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa

## fil-Każin Banda San Filep A.D. 1851

## 5 - 14 ta' April 2006


THERMOSAN
The Complete Bed Set
Another product of World Marketing Services. Phone 21444317

# GROI MINI-MAX COUPON GBP

**an investment with return linked to a basket of international stocks**
**note issued and guaranteed by UBS AG under Swiss Law**

| | | |
|---|---|---|
| capital protection at maturity 2012 | 100% | ✓ |
| guaranteed minimum interest per annum | 3% | ✓ |
| potential maximum interest per annum | 7.75% | ✓ |
| initial charges | NIL | ✓ |
| annual charges | NIL | ✓ |

CRYSTAL
Finance Investments
Representative for UBS Investment Funds in Malta

Freedom Square, Valletta TELEPHONE: 2122 6190
EMAIL: info@crystal.com.mt www.crystal.com.mt

FREEPHONE: 800 73339 Msida | B'Kara | Zebbug | Paola | Victoria, Gozo

This advertisement has been issued by CRYSTAL Finance Investments Ltd. Further information can be obtained from the UBS Investment Bank Term Sheet/Prospectus or Offering Document. Copies are available from CRYSTAL Finance Investments Ltd. Past performance is no guarantee for future trends and the value of investment may go down as well as up. Currency fluctuations may have an effect on the value of your investments and on any income derived therefrom. Capital is only protected if investment is held until maturity. Quoted returns do not take taxes into account. UBS AG is a licensed Bank based in Switzerland. CRYSTAL Finance Investments Ltd is licensed to conduct Investment Services business by the Malta Financial Services Authority.



W3
White Brothers Ltd.
• Haulage • Lifting • Customs • Services
Since 1947 White Brothers Limited continue to dominate the local Cargo Handling scene, servicing Shipping and Forwarding Agents as well as local Importers and exporters
Your own agent in Malta ...and Beyond
Apart from the services to the Petrochemical industry providing anything from personnel transfers to storage, from pipe inspections to offshore activity, the company also renders services in other areas.
Break-bulk facilities for Sea/Air freight, Customs clearance and deliveries to/from door, Container de-stuffing, Customs-bonded warehousing for Transhipment Cargo, Handling Plant & Machinery and heavy lifts are amongst the services offered both to its local and international clients.
Visit our website or call our marketing department to find out more about Malta's favourite cargo agent.
website at www.whitebrosmalta.com

# EDITORJAL

# Il-Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Każin Banda San Filep



Mindu nfetħet l-ewwel waħda mill-President tar-Repubblika Dr. Ugo Mifsud Bonnici fl-1994 is-Soċjetà qatt ma ħarset lura. Għall-kuntrarju kompliet tkabbar u ssebbaħ u żżid sakemm il-wirja saret dik li hi illum. Dan huwa mertu ta' bosta membri ħabrieka li taħt id-direzzjoni ta' Rosario Magri, ddedikaw ħafna minn ħinhom bla interess sena wara l-oħra.

Kif kien imħabbar, sar ħafna xogħol matul is-sena 2005 fuq dawn il-wirjiet:

- ix-xenarju taċ-Ċenaklu sar kollu ġdid
- żdiedet fih il-faċċata bi tliet arkati mserrħa fuq erba' kolonni
- infetħet parti ġdida li turi d-difna tal-ġisem imqaddes ta' Ġesù – ambjentata f'xelter imħaffer fil-blat madwar żewġ sulari taħt il-livell tat-triq daqs ħamsa u sittin sena ilu.
- Għall-ewwel darba se jsir xi tibdil fis-swali fejn jintramaw il-wirjiet minħabba illi l-Golgota ma tistax tintrama iżjed fis-sala l-ġdida fejn kienet qabel peress illi l-linfa kbira li żżanżnet f'Novembru li għadda ma tippermettix dan. Għalhekk il-Golgota se timxi għas-sala Mayfair fejn madwar erbgħin sena ilu kien hemm iċ-ċinema.
- Iċ-Ċenaklu u d-difna se jibqgħu fejn kienu iżda l-wirja ta' vari żgħar se tinżel f'waħda mill-kmamar ta' isfel.

F'paġna oħra tistgħu taraw ritratti tal-okkażjoni tal-ftuħ tal-wirja tas-sena 2005 min-Nunzju Apostoliku Mons. Felix Blanco de Priete u tbierket mill-Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ Dun Daniel Cardona.

Din is-sena il-ftuħ se jsir nhar il-Erbgħa 5 t'April 2006 mis-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ is-sur Brian Bonnici u tberik minn Mons. Carmelo Zammit, Kanċillier tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta.

***Il-Każin Banda San Filep AD 1851 jixtieq l-Għid it-tajjeb lil kulħadd.***

**Bord Editorjali:** Philip Balzan (Editur)
Philip Agius, Mario Borg, Josef Cachia.
Każin Banda San Filep, 12, Misraħ San Filep, Ħaż-Żebbuġ
Tel: 21 463 003 • Website: www.kazinbandasanfilep.com
**Stampa tal-Faċċata:** L-inkwadru titulari tal-kappella tad-Duluri, Ħaż-Żebbuġ.



Ftuħ tal-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira 2005, fil-Każin Banda San Filep minn Mons. Felix Blanco de Priete, Nunzju Appostoliku għal Malta









*Il-Kummissjoni Kultura 2005 tal-Każin Banda San Filep flimkien ma' Mons. Blanco de Priete*



*Membri tal-Kumitat Organizzattiv 2005 flimkien ma' Mons. Blanco de Priete*

24, Misraħ San Filep, Ħaż-Żebbuġ
Tel: 2146 6604

Take 4

VIDEO & DVD
RENTALS




Open from Monday to Saturday
from 8.30am till 12.00 and 16.00 till 20.00

# Il-Ġimgħa Mqaddsa Żebbuġija – Il-qalba ta' Malta

● **Brian Bonnici** – *Sindku*



* Il-każini tal-baned għandhom rwol importanti fil-ħajja ta' kull belt u raħal u allura wkoll fis-soċjetà Maltija inġenerali. Dawn mhux biss jaħdmu bla heda biex ikattru t-tagħlim tal-Mużika u jkabbru l-festa titulari, imma wkoll biex ikabbru l-kumplament tal-festi u t-tradizzjonijiet ewlenin fl-ibliet u l-irħula tagħna li huma l-qalba tal-ħajja Maltija. Il-każin tal-Banda San Filep dan id-dover jaqdih bi sħiħ u jkun biżżejjed li tqatta' kwarta mqar fil-*bar* biex tinduna kemm għandek fergħat u membri attivi li kollha jitkellmu u jħabirku biex ikabbru l-kultura Żebbuġija. Dan biex ma nsemmix il-bosta attivitajiet li jorganizza. Dan kollu jien ninnutah sew fi żjajjar li minn żmien għal żmien nagħmel fil-każini tagħna. Fost dawn l-inizjattivi wieħed ma jistax iħalli barra l-wirja kbira tal-Ġimgħa l-Kbira jew aħjar il-ġabra ta' wirjiet u esebizzjonijiet li wieħed jista' jsib taħt saqaf wieħed, anzi mill-iktar parti fonda qalb il-blat tax-xelter sas-sala ta' fuq. Dan kollu jagħmel lill-Każin Banda San Filep bħala wieħed miċ-ċentri ewlenin tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta.

Iż-żmien tal-Ġimgħa l-Kbira huwa żmien li jġib fostna opportunità ta' qawmien kulturali fejn il-folklor, it-tradizzjoni u l-fidi jitwaħħdu flimkien u jimmanifestaw ruħhom bil-kbir fil-purċissjonijiet u dak kollu marbut magħhom, fil-*pageants* u fil-wirjiet li nsibu mferrxin f'kull rokna tal-gżejjer Maltin u Għawdxin. Dawn huma jiem fejn filwaqt li wieħed jidħol fih innifsu u jirrifletti ftit dwar l-imħabba ta' Alla, fihom nistgħu nagħrfu u ngawdu t-talenti kbar tal-Maltin dilettanti, artiġjani u artisti. F'dan il-perjodu qasir qed ikollna ċ-ċans napprezzaw il-ħila ta' l-id ta' arranġaturi ta' fjuri, statwarji, ħajjata, pitturi, dekoraturi, nies li jaħdmu l-kurazzi tal-metall u mitt ħaġa oħra. Għalhekk dawn huma jiem ta' festival

*ikompli f'paġna 9*




# Assigurazzjoni ġdida għall-vettura tiegħek mingħand Citadel

- Għandek aktar minn tletin sena u ma għamiltx claim għal dawn l-aħħar erba' snin?
- Trid tibbenefika mis-sewqan bil-għaqal tiegħek?
- L-Assigurazzjoni tal-vettura tiegħek hija *"Comprehensive"* jew *"Third Party Fire and Theft"*?
- Jekk inhu hekk, inti tista' tibbenefika mill-polza l-ġdida ta' l-assigurazzjoni tas-Citadel magħrufa bħala ***Roadwise*** li tfasslet apposta għal sewwieqa bil-għaqal.

Biex tidħol f'din l-iskema inti tista' ċċempel fuq in-numri murijin hawn taħt, jew tasal wasla sa l-uffiċċju ewlieni tas-Citadel il-Furjana, jew sa wieħed mill-uffiċċji tas-sotto-aġenti tagħna f'lokalitajiet oħra.

**Citadel Insurance** p.l.c.

Casa Borgo • 36 Triq is-Suq • Floriana VLT 15 • Malta
Tel: 2124 6152 • Fax: 2124 1301 • e-mail: info@citadelplc.com
Fergħat: • **Naxxar:** 2141 9190 • **Ħaż-Żebbuġ:** 2146 3559 • **Raħal il-Ġdid:** 2180 6247

RoadWise

Citadel Insurance p.l.c. hija awtorizzata biex tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni ġenerali u fit-tul taħt l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni u biex tipprovdi servizzi ta' investiment taħt l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment u hija regolata mill-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.



iDeal Massage Chair
Rolling Downward
Rolling Upward
Adjustable Width
Leg & Seat Compression
Kneading
Tapping
Kneading & Tapping
Automatically Recline
DigitLine

die ECKE



GIFTS - STATIONERY - TOYS

BOOKS - MAGAZINES - CARDS - SOFT TOYS - GAMES - NEWSPAPERS
SEASONAL GOODS - PHOTOCOPY - BINDING - PASSPORT PHOTOS
FILM DEVELOPMENT - LAMINATION & much more

New Shop Now Open

DIGIT
all about electronics

Where you can find fantastic offers on

HI FI - DVD PLAYERS - TELEVISIONS - COMPUTERS - MOBILE PHONES
TELEPHONES - DIGITAL CAMERAS - VIDEO CAMERAS - PLAYSTATION
DIGITAL SURROUND - Mp3 PLAYERS - ALARM CLOCKS - INK CARTRIDGES
COMPUTERS & MOBILE PHONES ACCESSORIES - REPAIRS

MONS. MIKIEL AZZOPARDI STR., SIGGIEWI. Tel: 2146 3403



kulturali u reliġjuż imlewwen u varjat, festival ta' mużika u marċi funebri, festival ta' teatru u *pageantry*, festival ta' arti u devozzjoni.

F'dan l-aspett ir-raħal tagħna għandna għażla, varjazzjoni u eċċellenza. Fl-aħħar snin Ħaż-Żebbuġ mhux biss ġie fost ta' quddiem, imma sar iċ-ċentru ewlieni ta' Malta u Għawdex. Dan għax joffri ammont ta' wirjiet imma fuq kollox varjazzjoni, bil-firxa kollha tal-wirjiet li jinkludu mwejjed ta' l-Appostli fuq stil Lhudi, fuq stil ornamentali, vari u xeni *life size* li flimkien mal-purċissjoni kbira, serja u devota li norganizzaw jagħmluk kburi li int Żebbuġi.

Għalhekk bħala Sindku ta' din il-belt, fit-tmiem dan il-messaġġ irrid nieħu l-opportunità biex filwaqt li nawguralkom suċċess, nirringrazzjakom minn qiegħ qalbi għall-fatt li bis-sagrifiċċji u t-talenti tagħkom qed isservu ta' kalamità u tiġbdu, lejn ir-raħal tagħna eluf ta' nies minn kull rokna tal-gżira u anke minn barra l-pajjiż. Grazzi mill-qalb għax bis-saħħa tagħkom u ta' għaqdiet u individwi oħra, dawk li jżuruna jirritornaw lura lejn djarhom u jgħidu "X'talent għandhom iż-Żebbuġin", "Mur Ħaż-Żebbuġ u tara kollox", "Il-qofol tal-Ġimgħa l-Kbira qiegħed Ħaż-Żebbuġ" jew "Hemm għandhom l-akbar wirjiet f'Malta." Iva ta' dan il-Kunsill tiegħi bħala Gvern Lokali hu obbligat li jgħin u jippromwovi din il-kultura u jiżżikom ħajr. Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja wkoll lid-diriġenti tal-Każin Banda San Filep, li minn kemm ili li ħadt il-ħatra ta' sindku kienu huma li l-ewwel li stednuni biex ninawgura wirja lokali.

Grazzi u l-Għid it-Tajjeb.

cis

Unisex Boutique
& Sports Wear

Sciortino Street, Żebbuġ
Tel: 2146 6244
Fax: 2146 2247



divas
hair salon

Unisex Hair by Clint

**Triq L. Mifsud Tommasi, Żebbuġ**
**Tel: 2146 6969**

# Ġwanni, il-Madalena u x-Xbihat ta' Muhammed

● Joe A. Grima

Kif il-Vara l-Kbira tixref
mill-bieb il-kbir tal-knisja
u ċ-ċaqċiq taċ-ċuqlajta jagħmel tiegħu
<tfajjel ċkejken iqarmeċ il-karamelli tal-ħarrub
– bla ma jagħmel ebda dnub>
Ġwanni u l-Madalena jokorbu l-karba ta' darba
u forsi issa jgħidulna l-verità kollha
bla ma jinfed aktar fil-fond
is-sejf ta' dulur
f'qalb il-Madonna…

Meta darba fid-dalma sewdiena tal-knisja
kienu jħabbtu t-terremot
ix-xemgħat tat-tniebri jimlew l-arja
b'riħet il-mewt
indifen l-imgħoddi
u minflok
inħarsu 'l fuq
għax miet biex ngħixu…

'Ma l-misteru tal-ġrajja
ta' biss elfejn sena ilu
jibqa' mistur
u aħna lkoll
taħt is-siġra taż-żebbuġ
nixorbu l-kalċi
ta' l-imrar…

Is-sena wlied il-profeta
semmgħu leħinhom
mifnija
b'min kasbar 'il Muhammed
ta' Allah il-profeta…

U aħna ċċelebrajna ż-żwieġ
imżewwaq
tal-Messija
festa għad-dinja
Titbekka l-Madalena
Ħosbien imnikket Ġwanni
Is-sejf jinfed aktar fil-fond f'qalb
il-Madonna
U Kristu tagħna jfittex lil Missieru
li abbandunah…

Hawn sieħbi
ponn karawett
tazza nbid għand il-habib
u ejja aħna lkoll
infittxu Lilu
Dak t'hemm fuq
HU
il-ħallieq

**amen. inxallah. hekk ikun.**

VIDEOLINK

**Joseph Farrugia**
*(Videographer)*

Triq il-Qubbajt, Żebbuġ
Tel: 2146 7191
Mob: 7972 8969



**Video for All Occasions**

JADE ONYX
JEWELLERS
ZEBBUG & FGURA

IMPORTERS OF FINE JEWELLERY
AND SILVERWARE

THE PLACE TO FIND GIFTS OF SILVER,
GOLD JEWELLERY AND SILVER GIFTWARE.

**Tel: 2146 3833 - 2167 3286**

# Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Ġżejjer Maltin

● Joseph C. Camilleri *BA, DEAM, M.Ed*

Waħda mill-attrazzjonijiet ewlenin tal-Ġimgħa Mqaddsa f'Malta u f'Għawdex hija l-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Illum il-gurnata hemm aktar minn dsatax-il waħda. Tlieta minn dawn isiru fil-jum ta' qabel il-Ġimgħa l-Kbira. Dawn huma l-purċissjonijiet tal-Għargħur, Ħal Għaxaq u waħda mill-purċissjonijiet tal-Belt Victoria.

## L-Oriġini tal-Purċissjonijiet

L-ewwel purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira seħħet fir-Rabat (Malta). Hemm diversi raġunijiet li wasslu biex din il-purċissjoni titwieled hemm. L-ewwel u qabel kollox kien hemm diġà l-preżenza tal-patrijiet ta' Ġieżu. Dawn il-patrijiet jaħdmu ħafna mill-qrib mal-postijiet marbutin mal-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu. Għalhekk il-passjoni u l-mewt ta' Ġesù kienet suġġett ta' sikwit fost il-priedki ta' dawn il-patrijiet. Hekk dawn żergħu iż-żerriegħa tal-kult tal-passjoni. It-tieni element kien dak lajk. Marbtua mal-knisja ta' Ġieżu hemm l-arċikonfratenità ta' San Ġużepp. Din kellha waħda mill-iskopijiet tagħha l-assistenza tal-moribondi. Għalhekk il-kult tal-passjoni kien qrib ħafna ma' dak li din l-arċikonfratenità kienet qed taħdem. It-tielet u l-aħħar element kienet l-Imdina u xi nies residenti ta' din il-belt li kienu membri ta' din l-arċikonfraternità. Dawn kienu mdaħħlin mal-gvern ta' l-Imdina u xi wħud minnhom kienu marru barra minn Malta, matul il-jiem tar-Rebbiegħa biex iwasslu l-messaġġi tal-'gvern Malti' lir-re. Dawn setgħu raw dawn il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-kbira. Oħrajn minnhom, kienu jmorru sa Sqallija, biex jwaslu l-messaġġi għand il-viċi-re li kien joqgħod f'Palermu. Il-purċissjoni għall-ewwel kienet issir tard fil-għaxija aktarx bil-monument biss. Tant li jekk wieħed jistudja u jqabbel din il-vara mal-vari l-oħra jsib li hi ferm differenti mill-oħrajn. Hija xejn ħlief monument iddedikat lil Ġesù Mejjet. Huwa qabar dekorattiv u l-purċissjoni bdiet bħala manifestazzjoni ta' tifkira tal-"funeral ta' Ġesù Mejjet". Fi Sqallija din it-tip ta' purċissjoni għada ssir f'jum il-Ġimgħa l-Kbira.

## It-Tieni Pass

Il-patrijiet ta' Ġieżu riedu jagħmlu bħal patrijiet u sorijiet ta' l-ordnijiet l-oħra meta l-kavallieri kienu qed jibnu l-belt il-ġdida – il-Belt Valletta. Riedu li jkollhom kunvent hemm kif ukoll knisja. Billi l-kult tal-passjoni kien diġà

twieled fost il-Maltin, dawn ħadu magħhom fil-Belt Valletta. Hawn twieldet arċikonfraternità oħra, din id-darba, iddedikata lill-Kurċifiss. Bħar-Rabat daħlu oratorju u anke' żewġ artali fil-knisja tagħhom, wieħed iddedikat lill-Kurċifiss u ieħor biswitu ddedikat lid-Duluri. Is-Salib sar mezz qawwi ta' kult u bdiet issir il-festa ad unur is-Salib, nhar it-tlieta ta' Mejju.

## Il-Maġija tal-Port il-Kbir



***Is-Salib ta' l-Ebbanu li kien jinħareġ fil-purċissjoni tal-festa tas-Salib fil-bidu ta' Mejju.***

Il-kult u l-interess lejn il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu saret manifestata kull sena sew fir-Rabat (Malta) u sew fil-Belt Valletta. In-nies tal-Kottonera kienu fil-qrib ta' din il-manifestazzjoni. In-nies ta' Ħal Qormi kienu bejn żewġ purċissjonijiet. Ma' dawn wieħed jista' jdaħħal ukoll liż-Żebbuġin fuq naħa u ż-Żwieten u l-Luqin fuq in-naħa l-oħra, li kienu jgħixu qrib ma' dan il-moviment. Dawn iċ-ċentri kienu kollha kbar għal dawk iż-żminijiet. Tant li Ħaż-Żebbuġ barra li kien magħruf bħala Citta' Rohan kien magħruf bhala “Milano di Malta”. Dan it-titlu ġie mogħti mill-kittieba ta' dawn iż-żminijiet minħabba li Ħaż-Żebbuġ kellu numru kbir ta' abitanti. Barra minn hekk wieħed irid idaħħal fix-xena l-piki bejn ċentri urbaniċi li kienu qrib ta' xulxin, fejn ċentru jitħajjar li joħloq xi ħaġa ċ-ċentru l-ieħor jagħmel bħalu. Għalhekk, il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira twieldet fil-Bliet tal-Kottonera – il-Birgu, Bormla u l-Isla, kif ukoll f'Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ u ż-Żejtun u Ħal Luqa. F'dawn iċ-ċentri ġiet uzata l-istess forma – oratorju, artal fil-knisja, u fratellanza. Hekk insibu dawn l-elementi fil-Birġu, l-Isla u Bormla, kif ukoll f'Ħal Qormi u Ħaż-Żebbuġ. Xi wħud minnhom daħħlu l-kult tas-Salib ukoll u daħħlu statwi tas-Salib. Ħal Luqa użat formula speċjali mill-Birgu. Il-vari kienu ta' familji u dawn kienu jinżammu minnhom matul is-sena u jaslu fil-knisja matul ir-Randan. Din il-ħaġa kienet issir ukoll fil-Birgu.

## Pass Ieħor Quddiem

Fis-seklu dsatax il-kult tal-passjoni kompla jikber. Ħal Għaxaq kellha l-‘mera' taż-Żejtun u daħħlet il-kult u l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira wkoll. Tliet ċentri oħra welldu din il-purċissjoni. Dawn kienu n-Naxxar, raħal b'parroċċa qadima u ż-żewġ ċentri ta' madwaru – il-Mosta u l-Għargħur. Għawdex ġabar



il-vari tal-passjoni li kien hemm fil-knejjes ( San Ġorġ u l-Katidral) tal-Belt Victoria u jifforma purċissjoni. Fis-seklu għoxrin kompla dan il-kult u l-purċissjoni żiedu. Il-post fejn sar dan l-ikbar pass kien Għawdex. In-Nadur tħajjar li jibda din il-purċissjoni. Ix-Xagħra għamlet l-istess. Iż-Żebbuġ u x-Xewkija. Ta' l-ewwel ħolqot purċissjoni minkejja li hija ċentru żgħar u tat-tieni waqfet b'sett vari. Min-naħa l-oħra Malta daħlet purċissjoni oħra. Din kienet dik ta' Raħal Ġdid. Dan il-moviment seħħ minħabba t-Tieni Gwerra Dinjija. Ħafna min-nies tal-Kottonera sabu ruħhom bla dar u kellhom isibu kenn f'postijiet oħra. Wara li l-gwerra spiċċat dawn ma kellhomx il-mezzi biex imorru lura u marru joqgħodu fl-aktar post qrib ta' dawn il-bliet. Magħhom ħadu d-devozzjonijiet fosthom il-kult tal-passjoni. Il-wasla tar-Redentur ta' l-Isla għal ftit fil-knisja ta' Kristu Sultan kienet il-berqa li xegħlet il-kult fost in-nies ta' dan il-post.

Illum il-kult qed ikompli fid-dijoċesi Għawdxija. L-arċisqof ta' Malta ħareġ dirett li biha żamm li jitwieldu aktar purċissjonijiet. Il-Mellieħa u l-Ħamrun huma żewġ postijiet li jistgħu jibdew din il-purċissjoni iżda l-ordni ta' l-arċisqof għada hemm. Min-naħa l-oħra d-dijoċesi ta' Għawdex ħalliet tieqa miftuħa kemm jista' jkun wiesa' u l-purċissjonijiet komplew jiżviluppaw. Eżempju ta' dan hija l-Għasri, raħal żgħir mimli enerġija għall-pjan kbir. Biex welled purċissjoni bħal din mhix ċajta!

## Żviluppi fil-Purċissjoni

Maż-żmien il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira kellhom tmien vari. Dawn juru (a) il-misteri tal-Passjoni tar-Rużarju (b) id-drawwa li matul il-ġimgħat tar-Randan kienu jisiru purċissjoni jew kif kienu jgħidulu stazzjon b'waħda mill-vari. Ħal Qormi kien l-uniku post li kellu disa' vari. Kien Karlu Darmanin li ħoloq għal din il-lokalità l-vari ta' Guda jew it-Tradiment. Il-vari tradizzjonali

Żebbuġ Stationers & Newsagents
& Sebio's Photo Studio
Sciortino Street, Żebbuġ ZBG 03 - Malta • Tel: 2146 6076
Colour photocopying service available

# *MOUSÙ TRAVEL SERVICES LTD*

**31, Spencer Hill,**
**Marsa HMR 12, Malta**
**Tel: (+356) 2123 0301**
**Fax: (+356) 2123 0301**

***Special Day Trips***

# Pace Fire Prevention

**SUPPLY, INSTALLATION**
**& SERVICE OF FIRE FIGHTING**
**& FIRE DETECTION EQUIPMENT**

*SALES & SERVICE CENTRE*
VALLENDAR, PINTO JUNCTION, QORMI QRM 06
TEL/FAX: 2144 4924

*OFFICE*
180, VICTORY STREET, QORMI QRM 06

tal-Passjoni huma – l-Ort, il-Marbut, l-Ecce Homo, Ir-Redentur, il-Veronika, il-Vara l-Kbira, il-Monument u d-Duluri.

Xi wħud għandhom aktar minn isem wieħed. Il-vara ta' l-Ort hija magħrufa bħala dik ta' l-Orazzjoni f'Għawdex. Fl-imgħoddi kienet magħrufa bħala taż-żebbuġa. Il-vara tal-Marbut hija magħrufa bħala tal-Kolonna, waqt dik ta' l-Ecce Homo hija magħrufa bħala l-Inkurunat jew tal-Polpra. Ir-Redentur hu magħruf bħala l-Imgħobbi. Id-Duluri f'Għawdex hija aktar magħrufa bħala l-Addorolata. Min-naħa l-oħra l-Vara l-Kbira m'għandhiex l-isem tal-Kurċifissjoni u l-istess ħaġa għall-vara tal-Monument. Din mhix magħrufa bħala d-difna. Barra minn dawn l-ismijiet l-Ilsien Malti kiber bl-idjomi bħal **Qisek il-libsa tar-Redentur.** Din twieldet minħabba l-vara tar-Redentur li għandha libsa ħamra tal-bellus. Għal wieħed li jkun għaddej minn xi inkwiet jgħidu **Bħall-anġlu tal-Monument.**

Bis-snin sittin il-vari tal-passjoni raw tibdil. Din seħħet mit-'tellieqa' li kien hemm bejn il-purċissjoni Qormija u dik Żejtunija. Għall-ewwel iż-Żejtun daħħal vara ta' Ġuda. Bil-mod il-mod ħafna bdew idaħħlu vari ta' dan it-tip. Waħda minnhom Ħaż-Żebbuġ. Wara dan il-moviment bdew żewġ movimenti. Wieħed minn dan kien ta' vari li qatt ma dehru qabel bħal vara ta' Xmun minn Ċirene. Ħaż-Żebbuġ ukoll ħass dan il-moviment. Kien hemm ukoll moviment fejn daħlu vari bbażata fuq dawn tradizzjonali iżda biż-żieda ta' persunaġġi oħra. Ħaż-Żebbuġ ħassu sewwa din il-moviment. Ħafna mill-vari sabu figuri oħra mdaħħlin ma' dawk tradizzjonali. Il-Marbut hu wieħed minnhom. L-Ecce Homo wkoll.

## Tibdil fil-Purċissjoni

Fl-imgħoddi l-purċissjonijiet kienu biss għall-fratelli, tfal biż-żimarra, membri tal-kleru  u reffiegħa. Ir-Rabat (Malta) daħħal l-ideja ta' nies libsin il-kostum storiku jew wieħed reliġjuż. Din l-ideja mietet fir-Rabat iżda twieldet b'saħħa kbira f' Ħal Qormi. Billi dawn il-purċissjonijiet kienu għaddejjin minn perjodu ħażin, kien hemm il-biża' li ser jispiċċa, bħal soluzzjoni kienu dawn il-persunaggi. Illum insibu nies bil-kostum Lhudi, Ruman u nies bit-tabelli.

Billi l-purċissjonijiet kibru bdew deħlin aktar minn banda waħda. Waħda kompli timxi quddiem il-Vara l-Kbira u oħra quddiem l-Ort. Billi kull purċissjoni jkollha banda, daħlu marċijiet funebri fil-programmi tal-baned Maltin. Dawn huma xogħol sew ta' Taljani li inġabu biex imexxu baned lokali u sew minn Maltin. B'hekk il-purċissjoni spiċċaw minn purċissjonijiet penitenzjali u saru manifestazzjoni.

## L-Istorja tal-Purċissjoni Żebbuġija

Hija ħaġa diffiċli li wieħed jgħid ezatti meta bdiet din il-purċissjoni. Kien hemm drawwa f'Ħaż-Żebbuġ li f'jum il-Ġimgħa l-Kbira issir purċissjoni bil-vara tal-Monument mill-knisja parrokkjali ta' San Filep sal-knisja tal-Madonna tal-

Time is ***Valuable***…
and now even ***Exclusive***…

Hermle clocks, today's market leader
in the manufacturing of mechanical clockworks,
can be found at SMW CORTIS.



Time
has never been so…
***Precious***

# SMW CORTIS

*Visit our Showroom at*
Mdina Road, Ûebbug

**Tel: 21 46 65 20**

Grazzja. F'din il-knisja kienu jpoġġu l-figura ta' Kristu Mejjet. Din kienet purċissjoni simbolika. Iż-Żebbuġin qed jagħmlu 're-enactment' meħud mill-Bibbja tad-difna ta' Ġesù minn Arimatija u Nikodemu. Dawn poġġew il-ġisem ta' Kristu f'qabar ġdid.



Skond Dun Salv Ciappara, fl-1742 Mastru Saverio Laferla ħadem l-istatwi tad-Duluri, tal-Veronika u oħra ta' San Ġwann l-Evanġelista. Dawn tħallsu flimkien mal-vara ta' San Vinċens de Paule mill-Veneranda Lampade u swew 140 skud. Dawn saru fil-kartapesta. Fl-1826 fi żmien il-prokuratura tal-Fratellanza tal-Via Sagra – Dun Guiovanni Battista Attard – saru xi vari ġodda. Dawn saru minn Antonio Mifsud magħruf aktar bħala n-Najċi. Dawn saru taħt id-direzzjoni tal-professur Gavino Portelli. Fis-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor kienu saru xi vari ġodda. Il-purċissjoni għaddiet minn żmien diffiċli u għalhekk kien hemm bżonn ta' bidla. Is-soluzzjoni kienet bid-dħul tal-persunaġġi storiċi u bibliċi. Dan il-moviment beda fis-sena 1973. Illum insibu persunaġġi bħal Abraham, Iżakk, David, pilatu, l-appostli eċċ. Hemm ukoll persunaġġi nisa bħal Klawdja, Erodija, Ġuditta, ir-Reġina Esther, il-Veronika, il-Madalena, Batseba eċċ.

## Vara Vara Żebbuġija

L-ewwel vara tas-sett ta' Ħaż-Żebbuġ hija l-Ort. Il-vara preżenti hija t-tieni waħda. Il-vara tal-lum saret f'1955, xogħol Ġużeppi Caruana, Qamet 88 lira. Il-bradella tal-kewba tagħha saret minn Raymond Buhagiar fl-1979 fuq disinn ta' Philip Chircop. Din hija vara tipikament tradizzjonali. Fuq naħa hemm il-fiġura ta' Kristu għarkubbtejh. Hemm ukoll figura ta' anġlu bis-salib u kalċi. Naturalment hemm siġra taż-żebbuġ.

It-tieni vara hija riżultat li ħass Ħaż-Żebbuġ minn mindu ż-Żejtun daħħal din it-tip ta' vara biex ma jħallix lil Ħal Qormi jkun l-uniku li għandu din il-vara. Il-vara Żebbuġija fiha element ta' żvilupp fuq il-vara tipikament Maltija. Barra l-figuri ta' Kristu u Ġuda hemm ukoll il-figura ta' San Pietru. Dan hu pass li ċertament kien inspirat mill-purċissjoni tal-Mosta. F'din il-lokalità nsibu figura ta' Lhudi bħala t-tielet figura tal-vara. Din il-vara Żebbuġija nspirat il-vara Naxxarija ta' Ġuda. Ix-xogħol sar minn Ġlormu Dingli fis-sena 1978 u swiet 500 lira. Il-bradella tagħha saret minn Raymond Buhagiar fuq disinn ta' Philip Chircop. Ta' min jgħid li sew il-važetti u sew l-gandlieri huma ta' l-injam waqt tal-vari l-oħra huma tar-ram. Dawn saru minn Pawlu Azzopardi,

It-tielet vara hija l-Marbut. Għall-ewwel il-vara kellha biss il-figura ta' Kristu. Din hi xogħol Ġużeppi Caruana. Hija figura unika għaliex hija ħaġa unika għal Malta li l-kolonna tkun wara l-figura ta' Kristu. Is-soltu l-kolonna tkun ma' ġenb



JOLLY
COMPONIBILI
2

FOR KITCHENS - BEDROOMS - WALL UNITS - SETTEES
FURNISHING HOTELS & HOLIDAY APARTMENTS

Mdina Road Żebbuġ - Malta
**Tel / Fax: +356 2146 6154**

il-figura Kristologika. It-tieni figura turi manigold. Din saret fl-1985 minn Michael Camilleri Cauchi u swiet 350 Lira. Il-bradella saret minn Pawlu Azzopardi fis-sena 1988 fuq disinn ta' Philip Chircop. Mela din il-vara turi li Ħaż-Żebbuġ ħass il-moviment tal-vari tradizzjonali jiġu mibdula f'vari aktar komplessi.

L-istess storja turi r-raba' vara. Din turi l-Ecce Homo. Din il-vara għandha l-figura ta' l-Ecce Homo ta' l-imgħoddi u magħha żiedu l-figura tas-suldat Ruman. Dan is-suldat qam 350 Lira u sar minn l-istess id li ħadmet il-manigold. L-istess storja narawha fil-ħames vara – Il-Veronika. Din il-vara fiha tliet figuri – Il-Veronika ( xogħol Ġużeppi Caruana ta' l-1954), il-figura ta' Kristu bis-salib u mara ta' Ġerusalemm.



Saru fl-1990 minn Michael Camilleri Cauchi. Il-figuri 'moderni' swew 975 Liri. Il-bradella nħadmet minn Pawlu Azzopardi fl-1990.

Is-sitt vara hija waħda li baqgħet tradizzjonali. Din turi r-Redentur. Din hi xogħol tas-sena 1960. Saret fi Spanja u qamet 130 Lira. Is-seba' vara turi dak li ħass Ħaż-Żebbuġ mill-moviment tal-vari ġodda. Din turi l-vara ta' Xmun minn Ċirene. Dan Xmun għandu żewġ figuri ta' tfal iżgħar minnu. Dan hu xogħol Ġlormu Dingli u saret fis-sena 1964. Din swiet 250 Lira. Il-bradella tagħha saret fl-1991 min Pawlu Azzopardi. Is-salib tal-vara sar minn Filippu Camilleri. Dan huwa tal-kewba.

It-tmien vara turi l-Kruċifissjoni. Hemm il-figura ta' Kristu fuq is-salib, tal-Madonna, San Ġwann u ta' Marija ta' Magdala. Din hija tas-sett orġinali. Il-bradella saret minn Raymond Buhagiar fl-1980 fuq disinn ta' Philip Chircop. Din il-vara hija waħda tradizzjonali.

Id-disa' vara hija l-Monument. Fl-1840 sar il-qafas tagħha minn Saver Micallef. Id-disinn tiegħu sar mill-professur Ġorġ Pullicino. Dawn it-tnejn kienu Żebbuġin. Maż-żmien żiedu l-figuri ta' l-anġli. Minflok dawn il-figuri kien hemm erba' inċensiera, ħaġa unika, li spiċċat. Tassew ħasra! Fis-sena 1960 il-figura ta' Kristu saret ġdida. Din id-darba sar ta' l-injam minn Ferdinad Perithonier (Taljan), sar f'Bolzano. Id-drapp tiegħu ġie mibdul ukoll.



L-aħħar vara hija d-Duluri. Din turi l-figura tal-Madonna taħt is-salib. Magħha hemm żewġ figuri – San Ġwann u anġlu. Fl-aħħar tas-snin ħamsin il-figuri ta' din il-vara ġew modifikati u impittra minn Ġużeppi Caruana. Is-salib ġie mibdul minħabba t-toqol tiegħu. Il-bradella saret minn Pawlu Azzopardi fis-sena 1982.


Emanuel Hire
Mobile: 99499370

## Fatturi Uniċi



Xi purċissjonijiet għandhom fatturi uniċi fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tagħhom. Ta' Ħaż-Żebbuġ fiha diversi elementi li jagħmluha unika. L-ewwel u qabel kollox hemm vara unika tad-Duluri. Fil-purċissjonijiet l-oħrajn il-vara tad-Duluri jkollha l-figura tal-Madonna u/jew anġlu u/jew San Ġwann. Il-vara Żebbuġija fiha tlett figuri – Il-Madonna, San Ġwann u l-anġlu. Naturalment kull vara jkun fiha salib vojt. Kull vara fiha sett ta' vażuni. Xi wħud huma tar-ram u waħda għandha dawn il-vażuni ta' l-injam. Hemm ukoll dawk li għandhom arrangement uniku ta' xemgħat. Fil-purċissjoni hemm vara ta' salib vojt. Din hija ħaġa unika għal Ħaż-Żebbuġ biss. Il-manifestazzjoni li ssir qabel ma tibda l-purċissjoni hija wkoll ħaġa tipika Żebbuġija.

Ħaġa unika għal Ħaż-Żebbuġ hija l-manifestazzjoni li ssir bejn Ħamis ix-Xirka u l-jum tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-każini jkollhom il-wirjiet tagħhom. Diversi għaqdiet ikollhom il-wirjiet ukoll. Min ikollu wkoll il-mejda ta' l-appostli għall-wiri. Kien hemm żmien meta f'xi jum tal-Gimgħa Mqaddsa kienet issir il-purċissjoni bil-vari żgħar bis-sehem biss tat-tfal. Dawn il-vari kienu tal-familja Bonnici. Fl-aħħarnett il-mużika li ssir f'dawn il-jiem fil-knisja arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ hija xi ħaġa unika.

Ħaż-Żebbuġ għandu kult qawwi tal-passjoni. Dan il-kult jilħaq il-quċċata bil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Illum Ħaż-Żebbuġ sar wieħed mill-aqwa ċentri ta' dawn il-manifestazzjonijiet. Ħaż-Żebbuġ sar appuntament li wieħed ma jistax jitlef f'Ħamis ix-Xirka jew fil-Ġimgħa l-Kbira jekk tassew wieħed iħoss dan il-kult, kult li twieled minn diversi nies f'diversi postijiet ta' Malta u Għawdex, kult li kiber grazzi għal ħafna nies li ħadmu fuq li ħadmu biex dan il-kult jikber.

**Referenza:-** Joseph Mizzi, *Il-Ġimgħa l-Kbira f'Ħaż-Żebbuġ - Good Friday at Żebbuġ*, Sebio's Photo Studio, 1992, mitbugħ minn P E G Ltd Marsa.

**Privat għat-Tfal tal-Primarja**

Privat għat-tfal li se jagħmlu l-eżami tad-dħul tal-Junior Lyceums
Privat għas-subien li se jagħmlu l-eżami tad-dħul għall-iskejjel tal-Knisja
Privat għaż-żgħażagħ tas-sekondarja (Matematika)
**Post: 100 Triq Santa Marija Ħal Tarxien**
**Tel: 2143 6090, 2189 2528 Mob: 7931 7436**
*Ikun hemm lezzjonijiet anke fix-xhur tas-sajf*

# Demm l-Imħabba

● Victor Scerri

Jien rajt lil Kristu jilheġ,
Iħarħar nifs batut
U sidru tiela' w nieżel,
U rajtu jmil u jmut.

Minxur, mikdud – fuq għuda,
Illi ħejjew għalih,
Imwarrab mill-beżgħana,
Misqi l-akbar uġiegħ.

Jien xtaqt nimsaħlek demmek,
U nfissdek, imma jien,
Jien midneb, jien dgħajjef,
Inġorr surtu għajjien.

Illum il-Ġimgħa l-Kbira,
U bħalek imsallbin,
Hawn ħafna, jridu jfiequ,
Minn arthom maħrubin.

Nisa msawtin , stuprati,
Qed jgħixu trawma 'mmensa,
Il-Ġimgħa l-Kbira… w bħalek,
Mulej, m'humiex inwennsa.

Il-Ġimgħa l-Kbira, firda,
Mibgħeda, dnub, u ħtija,
U inti tibqa' msallab,
U tibqa' taħli d-dmija.

**Każin Banda San Filep**

*Għal xarba ġenwina*
*mal-ħbieb u mal-familja*
*b'appetizers mill-aqwa.*
*Ikliet f'kull ħin f'post mill-aqwa.*

*Alex Vella jawgura l-Għid it-Tajjeb*
*lill-membri tal-Każin u liż-Żebbugin kollha.*

# Il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu…Skola ta' Tagħlim

● Mons. Lawrenz Mifsud – *Rettur Sant. Qalb ta' Ġesù*

Fost it-titli sbieħ li jixirqu lil Sidna Ġesù Kristu u li Hu stess aċċetta insibu dak ta' RABBI.

"Intom issejħuli RABBI li tfisser – MGĦALLEM – u tgħidu sewwa għax jien hekk hu.

Kristu HU mhux biss ir-Rabbi, l-imgħallem tagħna għax kien għaref bħala bniedem biss, imma għax Hu kien Bin Alla, kellu għerf speċjali għax fih dehret il-qawwa u l-għerf ta' Alla li jisboq kull għerf ieħor.

Kristu kellu mhux biss id-dritt li jgħallem, imma wkoll li jbiddel il-liġi tal-Lhud li ma kenitx taqbel mat-tagħlim il-ġdid tal-Evanġelju. Smajtu x'hemm miktub….għajn għal għajn.. u sinna għal sinna, imma Jien ngħidilkom, u jagħti t-tagħlim ġdid tiegħu.

Hu stess stqarr li ma ġiex biex ineħħi l-liġi, imma biex iwassalha għall-perfezzjoni.

Kristu għallem f'kull ċirkustanza ta' ħajtu – fi twelidu, matul ħajtu fid-dar u dik pubblika, għallem bil-kliem u l-parabboli, imma fuq kollox għallem bl-eżempju ta' ħajtu speċjalment waqt il-Passjoni ħarxa tiegħu.

Nixtieq li permezz ta' din il-kitba tiegħi, ngħin lill-qarrej biex kull meta jħares lejn il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, kemm li għandna fil-knisja, kemm fil-Każini, Soċjetajiet, u anki fid-djar tagħna, ma nħarsux lejhom biss bħala xeni, jew opri tal-arti, jew sentimentalment, imma nħallu l-Kristu jkellimna u jgħallimna permezz ta' kull vara li turihulna f'xi ħin tat-tbatija tiegħu waqt il-Passjoni.



## 1. Il-vari ta' Kristu fl-Ort tal-Gethsemani u dik tal-bewsa ta' Ġuda.

F'dawn iż-żewġ statwi insibu minjiera ta' tagħlim.

- Kristu jgħallimna u jfarraġna fit-tbatija tagħna billi norbtu r-rieda tagħna ma dik tal-

J.V.Meli Imports

KANRICH®

VIDEO INTERCOM SYSTEMS




Peace of Mind for your home or business

DIGITALZONE

47/48 Luqa Road, Paola. Tel: 2166 7200
City Gate, Valletta. Tel: 2123 6480

www.digitalzone.com.mt

Missier; billi naċċettaw bir-rassenjazzjoni ir-rieda ta' Alla. Iħeġġiġna biex nitolbu biex ma naqgħux fit-tiġrib.

- Kristu jċanfar lill-Appostli għax fis-siegħa tal-prova telquH, ħallewH waħdu u raqdu.... Ma kellhomx ħila jishru siegħa waħda miegħu.
- Imma fuq kollox Kristu jgħallimna fil-qawwa tiegħu – ifejjaq il-widna ta' Malku, iwaqqa' s-suldati fl-art għall-kelma tiegħu – JIENA HU – u fl-aħħar jagħti wkoll ordni – ĦALLU LIL DAWN IMORRU.

**2. Ġesù marbut mal-kolonna u fflaġellat.**

F'din l-istatwa naraw lil Kristu imil u jitgħawweġ waqt li jaqla' d-daqqiet bil- frosta jew bin-nerv waqt il-flaġellazzjoni.

- Hawn Kristu jgħallimna bil-qawwa li wera waqt it-tbatija. Kristu narawh jintlewa biex donnu jersaq iżjed u jkun viċin ta' kull min qiegħed ibati.
- Kristu joffri l-ġisem safi teħu għad-daqqiet tal-frosta rumana biex ipatti għal tant pjaċiri ħżiena u żienja li jsiru permezz tal-ġisem.
- Kristu jidher mitluq u mifni....imma ma jmutx taħt dawn id-daqqiet, għax il-kalċi tal-imrar kellu jixorbu sa l-inqas qatra.

**3. Ġesù nkurunat bix-xewk u muri minn Pilatu lill-folla bħala- l-Ecce Homo – Araw il-bniedem.**



- Ġesù hawn jgħallimna bis-skiet tiegħu quddiem dawk li żebilħuh, li beżqulu fuq wiċċu, li tawh bil-ħarta, li nkurunawh bix-xewk.
- Ġesù sofra f'ġismu, f'moħħu, f'qalbu u fid-dinjità tiegħu.

  **Ecce Homo**- Arawh il-bniedem; il-bniedem-Alla, is-Salvatur tad-dinja.
- Pilatu li ried ikun jaf mingħand Ġesù x'inhi l-verità imma tahx ċans iwieġbu – issa huwa stess jgħid l-ikbar verità – **ECCE HOMO - ARAW IL-BNIEDEM LI JSALVANA!**

**4. Fit-Triq tal-Kalvarju niltaqgħu ma' Ġesù li jġorr is-salib; li jaqa' taħt it-toqol tiegħu, li jiġi mejjgħun minn Xmun Ċirinew iġorr is-salib u Ġesù li jaċċetta l-imħabba li wriet lejh il-Veronika, billi ixxuttatlu wiċċu mid-demm, HU ħalla wiċċu stampat fuq il-velu tagħha.**

- Matul din it-triq tal-Kalvarju, Ġesù jgħallimna b'dak li qal lin-nisa ta'

# MARBLE & GRANITE

Creations

*Manufacturer of staircases, monuments, kitchen tops and all kinds of marble & granite works*

Mario Garage
N/S in Mdina Road, Ûebbu©
Tel: 2146 6643
Mob: 9947 8945



Ġerusalemm, biex ma jibkux lilu imma lil uliedhom.

Illum aktar mill-bieraħ, tant ommijiet qed jibku l-istat ta' wliedhom li waqgħu vittmi tad-droga, inqabdu fil-prostituzzjoni, kumpanija ħażina, koabitazzjoni u tant abbużi bl-użu tas-sess qabel iż-żwieġ.

Dawn is-sitwazzjonijiet, żgur li Ġesù rahom, bata għalihom, u żgur jekk il-ġenituri, speċjalment l-ommijiet, jitolbuh, Hu mhux sejjer ma jgħinhomx.

Kos, mela kemm ifissru l-kliem ta' Ġesù: Tibkux lili imma ibku lilkom u 'l uliedkom.



5. **Malli Ġesù jasal fuq il-Kalvarju, tibda t-tħejjija biex jiġi mislub, jitneżża minn ħwejġu, jiġi kkmandat jimtedd fuq is-salib, jiġi msammar bl-imsiemer, u mislub bejn żewġ ħallelin fejn għadda agunija ħarxa bejn nofs inhar u t-tlieta ta' wara nofs inhar sakemm radd ruħu lill-Missier – MISSIER F'IDEJK NERĦI RUĦI.**

- Ġesù jgħallimna nsofru bir-rassenjazzjoni meta nkunu marbutin mar-rieda ta' Alla.
- Ġesù jgħallimna naħfru lil min jagħmlilna d-deni.
- Ġesù jgħallimna nsibu l-faraġ tagħna f' Marija Santissma.
- Ġesù jaċċetta l-istqarrija taċ-Ċenturjun Ruman :- **DAN KIEN TASSEW L-IBEN TA'ALLA**

6. **Ġesù jitniżżel mis-salib, jitqiegħed f'ħoġor Marija Santissma. U wara jiġi midfun f'qabar ġdid.**

- Ġesù jgħallimna il-kobor tal-imħabba tiegħu għalina li wasslitu biex imut fuq is-salib.

# L-INVELL IRONMONGERY

*(Paint Centre)*

**M.A. Sapiano Str., Żebbuġ** (By-Pass ta' Ħal Muxi)
**Telephone: 2146 0500 - Mobile: 9982 9575**

**GĦAŻLA** ta' 10,000 kulur taż-żebgħa mix-*Shade Card* tal-Bartoline
**INĦALLTU** dejjem bil-kulur li tixtieq int: water paint, plastic paint, tar-ramel, roof compound u Acrylic
**NISTOKKJAW** ukoll: Sigma, Machperson, Tempra, Airflow, Berger u Hempel
**INBIEGĦU** aċċessorji tad-dawl u l-ilma, gysers, mixers, katusi, Household goods, cement, ġir u ġibs eċċ…
**NIKRU** Jiggers u Mixers

**DISCOUNT QAWWI FUQ IŻ-ŻEBGĦA**




**BRIAN**
**TYRE SERVICE**
**Mdina Road, Żebbuġ**
**Tel: 21 461067**

**Noel Auto Dealer**
**Japanese Cars**

- Marija santissma tgħallimna kemm ħabbitna li riedet tbati flimkien ma' BInha Ġesù għall-fidwa tagħna.
- Ġesù mejjet u midfun jgħallimna li ħajtu kienet bħaż-żerriegħa, li għax tmut, tagħti ħafna frott. Ġesù għax ta ħajtu għalina, lilna fdiena u tana dritt li inqumu miegħu fil-Qawmien tal-Ħajja ta' Dejjem.

**Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, għax b'salibek, bil-mewt u l-Qawmien tiegħek, Inti fdejtna.**




# Express

## Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

***Our range of products include:***

**Showroom Façades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

***Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.***

**"Express Building", Mdina Road, Ûebbu© ZBG 06, Malta**
**Tel: 2146 1078 / 2146 5110 • Fax: 2146 5798**

# L-Erba' Wirjiet fil-K



*Iċ-ċenaklu, b'xenarju ġdid u tlettax-il statwa kbira u artistika madwar mejda b'ikel imsajjar skond id-drawwa Lhudija.*

*Id-Difna – Taqsima ġdida bi statwi kbar li turi 'l Kristu jinġarr lejn il-qabar. Hija ambjentata f'xelter tal-gwerra taħt l-art li ġie mżejjen biex joħloq l-ambjent tal-post tad-difna. Nota: L-istatwi life-size*



## Ħinijiet tal-Ftuħ ta' dawn il-Wirjiet

Mill-Ħamis 6 ta' April
sa nhar Ħamis ix-Xirka
13 ta' April
10.00 - 12.00 u 18.00 - 22.00

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira
14 ta' April
09.00 - 13.00 u 15.00 - 22.00



# ażin Banda San Filep

*Il-Kruċifissjoni – Xogħol grandjuż, b'għaxar statwi kbar li flimkien max-xenarju, mal-kummentarju u ma' l-effetti ta' dwal u ħsejjes jagħmlu l-wirja waħda realistika u impressjonanti.*









*Sett ta' vari żgħar artistiċi maħduma minn Anthony Magri u esebiti minn Jonathan Agius.*



*Din is-sena l-Banda San Filep takkumpanja l-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt li toħroġ mill-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ nhar il-Ħadd 16 ta' April 2006.*



# *Ġita ta' tmint ijiem għall-Bulgarija*

## 24 - 31 ta' Awissu 2006

*Lukanda 4 Star f'Sofia*

Inżuru: Sofia, il-muntanja Vitonsha, Plovdiv, is-Suq ta' Illetzi, il-Monasteru ta' Rila, Sandanski, Koprivshtisa, Borvets, Sofiland, ikollna wkoll ikla tradizzjonali

**Min jibbukkja qabel l-10 ta' April jiffranka Lm10**

**Għal aktar tagħrif ċempel 9949 5486 jew 7920 3418.**
**organizzata mill-Każin Banda San Filep.**

# Il Cristo Nero f'Caltanissetta

*** *Silta minn kitba dwar "Il-Ġimgħa Mqaddsa f'Caltanissetta" meħuda mill-Ktieb il-ġdid ta' Brian Bonnici "Il-Ġimgħa Mqaddsa tal-Girien" pubblikazzjoni Bronk 2006.***

* Wara li tkun għadha kemm għaddiet il-purċissjoni kbira bil-vari tal-Passjoni li ssir f'Ħamis x-Xirka, waħda mill-akbar purċissjonijiet fi Sqallija, fil-Ġimgħa l-Kbira ssir purċissjoni oħra li hi ferm mistennija u li magħrufa bħala ***del Cristo Nero*** jew ***Del Signore della Città***. F'dan il-jum jinħareġ proċessjonalment kurċifiss żgħir li ħa dan l-isem peress li hu iswed. Dan huwa jum ta' skiet ġabra u talb fejn il-belt kollha tingħaqad madwar il-kurcifiss iswed. Dan il-kurċifiss li hu fost l-aktar antiki fl-Italja, jinġarr taħt baldakkin, forma ta' tribuna, imżejjen bid-deheb u ħaġar prezzjuż. It-tradizzjoni marbuta miegħu ssotni li dan il-Kurċifiss kien instab bejn żewġ xemgħat jixgħelu f'għar li jinsab f'Monte Sabucina minn żewġ ***Fogliamari*** filwaqt li oħrajn isostnu li sa minn mijiet ta' snin imbegħda kien jinsab meqjum fil-knisja ta' San Leonardu li llum m'għadhiex teżisti.

Hi x'inhi l-verità il-fatt jibqa' li snin ilu dan kien trasportat lejn il-Knisja ta' San Nicolò li minn hawn ħadet l-isem ta' ***Chiesa del Signore***. Din x-xbieha, antika u devota ta' l-ebbanu ma nafux meta saret, oriġinat jew instabet, daqskemm ma nafux ukoll l-oriġini tal-purċissjoni. Biss bosta studjużi jsostni li dan il-Kurċifiss inħadem minn xi dilettant speċjalment minħabba sproporzjonar u anatomija ħazina. Żgur li kif wieħed iħares lejh mill-ewwel għandu jinnota xebh ma' l-istil ta' Kurċifissi Medjevali.



Il-purċissjoni toħroġ mill-Knisja li ġġib ukoll l-isem tax-xbieha, jiġifieri ***del Signore della Città*** peress li sa minn qabel l-1625 Kristu msallab kien meqjus bħala l-patrun tal-belt u diversi drabi l-poplu kien jirrikorri lejh speċjalment fi żminijiet ħorox u ta' flaġelli, tant li mhux darba jew tnejn saru pellegrinaggi penitenzjali bih. F'din s-sena, 1625, San Mikiel beda jkun meqjus ukoll patrun ta' Caltanisetta peress li ħares lil belt mill-marda tal-pesta. Din il-purċissjoni terħilha lejn Pjazza Garibali li hija ċ-ċentru ta' l-attivitajiet kollha tal-Ġimgħa Mqaddsa. Din tkun skortata dejjem mir-Real Maestranza li sa mill-imghoddi għamlitha ta' gwardja mal-qaddisin proteturi tal-belt fosthom ukoll fil-purċissjoni ta' San Mikiel Arkanglu li kienet issir fid-29 ta' Settembru. Qabel tiċċaqlaq x-xbieha ***il Capitano*** ineħħi minn rasu l-kappell u jagħmel inkin quddiem x-xbieha, dan ikun s-sinjal li l-purcissjoni tista' timxi. Kull grupp tal-***Maestranza*** f'dan il-jum igeżwer l-istandart tiegħu f'filoxx iswed u l-imsieħba kolha huma obbligati jilbsu ingwanti u ngravajjet suwed. Quddiemhom jimxu wkoll t-tnabar li jdaħħlu lil dak li jkun aktar fl-atmosfera.


ALCATEL
Speed up
your business
with better communications
Comsec Ltd,
OmniPCX 4400
OmniPCX Office
Office Business
Telephone systems are also available on lease.



Ix-xbieha devota tal-Kurċifiss tgħaddi minn bosta mit-toroq tal-belt u toħloq atmosfera mill-isbaħ meta tkun f'toroq dojoq jew niżliet fejn allura tkun tista' tara x-xbieha għaddejjha min-nofs baħar ta' nies li f'idejhom iġorru xemgħat. Hekk ukoll hija x-xena tan-nies fil-galleriji miżgħudin bin-nies li kwazi b'idejhom ikunu jistgħu imissu l-baldakkin u mhux darba jew tnejn tara lil xi ħadd minnhom imiss u jbus dan il-baldakkin minn xi gallerija. Oħrajn iwaddbu mill-galleriji weraq, fjuri u anke rix ikkulurit. Differenza kbira bejn il-purċissjoni ta' Ħamis ix-Xirka u din il-purċissjoni huwa l-fatt li hi aktar ta' ġabra, penitenzjali u solenni tant li għaliha jattendu bosta penitenti u nies li jagħmlu l-wegħdi tagħhom billi jimxu ħafjin wara il-baldakkin tal-***Cristo Nero***. Dawk li jakkumpanjaw il-purcissjoni billi jimxu t-triq kollha jghidu li għamlu ***il viaggio*** – vjagg u dawk li ma jakkumpanjawx jibqgħu fuq il-bankini jitolbu u jirreċitaw ir-rużarju.

Il-baldakkin jintrefa fuq l-ispalla minn grupp ta' reffiegħa magħruf bħala ***del Fogliamara***. Dawn huma n-nies li jiġbru l-frott u l-ħaxix selvaġġ imma li hu tajjeb għall-ikel. Dawn għandhom ukoll il-privileġġ uniku li waqt il-purċissjoni jintonaw kant sagru u litaniji popolari kif ukoll taqbiliet dwar il-Passjoni ta' Kristu.



Tradizzjonalment kollha kemm huma jerfgħu ħafjin ukoll. Quddiemhom timxi ***La Real Maestranza*** li bis-solennità tagħha tkompli tkattar d-devozzjoni u tkabbar l-atmosfera sagra f'din il-manifestazzjoni. Fiha jakkumpanjaw ukoll il-kleru, l-Isqof, is-seminaristi, is-sindku u l-kunsill u baned li bid-daqq tal-marci funebri tkattar il-ġabra, d-dieqa, devozzjoni u luttu. Bħal f'Ħamis ix-Xirka f'din il-purċissjoni nsibu wkoll grupp ta' rġiel ***laudatori*** li tul it-triq ikantaw il-***lamintanze*** – lamentazzjonijiet fosthom ***"Viva la misericordia di Diu!".*** Din il-purcissjoni wara li ddur mal-belt terġa' tidħol lura fil-knisja tas-sorijiet Franġiskani li hija magħrufa bħala ***Del Signore della Città.*** Minkejja li din x-xbieha mhix ta' preġju artistiku kbir żgur li hija l-aktar waħda devota fil-belt u tul s-sena kollha ikun invistat u espost fuq il-maġġur ta' l-istess knisja li wara ħidma ta' Padre Angelico Lipari mgħejjun mis-Sorijiet Franġiskani spiċċat ukoll post li jkenn lill-foqra u orfni.

K-OPTICS
OPTICAL CENTRES

# Qualified Dispensing Opticians

## 8, Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żebbuġ

## Tel: 2146 7651

**Għal dak kollu li għandek bżonn għall-għajnejk, K-Optics joffru:**
Servizz ta' 24 siegħa kważi fuq kollox li jinkludi:
Anti Reflection Coating biex il-ħġieġ ma jleqqx • Ultra Violet Coating biex jipproteġilek għajnejk mir-raġġi tax-xemx u tal-computer monitors,
Hard Coating biex tevita l-brix mil-lentijiet tal-plastik.

**Joffru wkoll**
Contact Lenses bit-Lm13-il par u dak kollu li għandek bżonn għalihom.

L-iżjed ditti famużi tan-nuċċalijiet tax-xemx u tal-viżta bħal Sting, Police, Fila, Lozza, Gucci, La Perla, Etro, Celine, Furla, Givenchy, YSL, Christian Dior, Escada, Armani, Valentino.

**Speċjalista ta' l-għajnejn**
Kull nhar ta' Tnejn filgħaxija • L-Erbgħa filgħodu

Il-prezzijiet tan-nuċċalijiet jibdew minn Lm12 'il fuq.

**Head Office**
*Rockland* 5, Windsor Terrace, Sliema, Malta
Tel: 2131 8771 Fax: 2131 0094

98, Żabbar Road, Paola, Malta
Tel: 2180 4619

28, Republic Square, Żurrieq, Malta
Tel: 2164 1052

101/103, Triq il-Kunvent, Żabbar
Tel: 2180 0870

47, Triq Madonna tal-Bon Kunsill, Żejtun
Tel: 2182 1647

Tiġrija Palazz Complex, Victoria, Għawdex
Tel: 2156 4161

**e-mail: koptics@maltanet.net**
**Website: www.maltawide.com/koptics**

# It-Tifsira tal-Ġrajjiet ta' Ħamis ix-Xirka

● Philip Ellul

Fl-aħħar jum qabel Ġesù ġie arrestat, niltaqgħu ma' numru ta' ġrajjiet li jiġu mfakkra b'modi differenti fil-liturġiji li jiġu ċċelebrati f'diversi knejjes f'dan il-jum. Dawn jinkludu l-aħħar ikla ta' Ġesù mad-dixxipli tiegħu, jiġifieri l-Ikla ta' l-Għid, it-twaqqif tas-sagrament ta' l-Ewkaristija, it-tradiment ta' Ġuda l-Iskarjota, u s-saħra ta' Ġesù fil-Ġetsemani, waqt li d-dixxipli kienu reqdin. Ħafna mil-liturġiji, madankollu, jikkonċentraw fuq l-ikla u l-komunjoni bħala l-mod kif jiġi mfakkar dan il-jum qaddis.

Matul l-aħħar ġranet tal-ħajja tiegħu, Ġesù flimkien mad-dixxipli terraq fil-Galilija sakemm wasal f'Ġerusalemm. Fil-Galilija kollha, il-fama ta' Ġesù kienet kbira ħafna, in-nies kienu dejjem jiġru warajh u jfittxuh. Anke d-dħul tiegħu f'Ġerusalemm kien immarkat minn merħba kbira f'atmosfera ta' ferħ. Iżda f'Ġerusalemm kienet qed tifforma dalma li aktar bdiet tiżdied, u n-nies bdew ftit ftit jitbiegħdu minn Ġesù, li kien dejjem jitkellem fuq l-imħabba u l-qadi lill-proxxmu. Il-Fariżej u s-Sadduċej bdew iħossuhom mhedda mill-ġejjieni l-ġdid li Ġesù kien qiegħed ixandar.

Meta Ġesù u d-dixxipli tiegħu nġabru flimkien għall-ikla, kienu diġà jinsabu taħt id-dell tas-salib. Kien tard il-Ħamis filgħaxija, wara l-ikla, waqt li Ġesù u d-dixxipli kienu qegħdin jitolbu fil-ġnien tal-Ġetsemani, meta Ġesù ġie arrestat u meħud fid-dar ta' Kajfa, il-qassis il-kbir. L-għada Ġesù kellu jmut.

Teżisti ftit differenza fil-kronoloġija ta' dawn il-ġrajjiet bejn l-Evanġelji Sinottiċi (jiġifieri San Mattew, San Mark u San Luqa) u l-Evanġelju ta' San Ġwann. Fis-Sinottiċi l-aħħar ikla li għamel Ġesù mad-dixxipli titqies bħala l-Ikla ta' l-Għid, li tfakkar fl-eżodu tal-Lhud mill-Eġittu, meta l-mewt għaddiet minn fuq id-djar tal-Lhud u l-għaxar kastig waqa' fuq l-Eġizzjani. Min-naħa l-oħra, fir-rakkont ta' San Ġwann, l-Ikla ta' l-Għid kienet se tiġi mfakkra l-għada, fi kliem ieħor, mhux il-Ħamis iżda l-Ġimgħa. U waqt li s-Sinottiċi jirrakontaw it-twaqqif ta' l-Ewkaristija waqt din l-ikla, San Ġwann jirrakkonta kif Ġesù ħasel riġlejn id-dixxipli bħala sinjal ta' qadi.

Minkejja dawn id-differenzi, Ħamis ix-Xirka huwa mfakkar bħala l-jum li fih Ġesù kiel l-aħħar ikla ma' dawk li kienu l-aktar qrib tiegħu u li kienu ilhom għal żmien twil jimxu warajh. M'hemmx bżonn li nsolvu dawn il-kwistjonijiet

**Tech Zone**

The Solution for your
Computer System.
• Sales
• Upgrades
• Repairs

*We Accept Student Smart Card*



We have a Wide Range & Unbeatable Prices on UPSs.
Specialising in Networks and Custom made Software,
Web design & Hosting + Internet Services

**Individual Care and Attention**

Mob: 9942 2481 Tel: 2146 1696 Fax: 2333 1191
E-mail: sandro@techzonemt.com

# TOP HAT



*We specialise in made-to-measure tailoring, manufacturing of shirts and all kinds of uniforms and hiring suits.*

*Visit TOP HAT where you will find Graduation Gowns, Holy Communion, Confirmation and Wedding Suits.*

*You can also find the best range of coloured suits for all the family.*

**Tel/Fax: 2148 8241**

*210, St. Edward Street, Qormi*



storiċi biex niftakru f'dak li għamel Ġesù u x'għallimna nagħmlu. U dawn il-kwistjonijiet m'għandhom b'ebda mod itellfuna milli nikkonċentraw l-attenzjoni kollha tagħna fuq l-aspett l-aktar importanti ta' din il-ġrajja: il-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu.

Skond l-Evanġelju ta' San Ġwann, meta Ġesù temm l-ikla tiegħu mad-dixxipli, waqt li kienu sejrin lejn il-Ġetsemani, hu għallimhom kmandament *ġdid*, li fil-verità ma kienx ġdid għal kollox: "Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin. Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom."

Il-kulur li jintuża fil-liturġija ta' Ħamis ix-Xirka huwa, ġeneralment, il-kulur vjola. Iżda f'xi tradizzjonijiet oħrajn jintuża wkoll il-kulur aħmar, li jiġi identifikat mal-komunità tad-dixxipli li mxew wara Ġesù. Xi wħud jużaw dan il-jum ukoll biex ifakkru lill-appostli li ġew ordnati minn Ġesù biex ixandru u jxerrdu l-Bxara t-Tajba tiegħu madwar id-dinja.

Is-sehem fl-Ewkaristija huwa l-mod l-aktar komuni kif ħafna Nsara josservaw jum Ħamis ix-Xirka. Però jeżistu xi differenzi fuq il-mod kif jitmexxa s-servizz f'dan il-jum. F'ċertu knejjes, hija ħaġa tradizzjonali li l-qassis ċelebrant jaħsel ir-riġlejn ta' nies li jkunu magħżulin f'isem il-kongregazzjoni. Fi knejjes oħrajn, id-dekorazzjonijiet ta' l-artali u oġġetti oħra jitneħħew wara li tingħata l-Ewkaristija fiċ-ċelebrazzjoni tat-tifkira ta' Ħamis ix-Xirka. Peress li l-artal jissimbolizza lil Kristu, it-tneżżigħ tiegħu jfakkar f'żewġ mumenti partikolari li jseħħu fil-ġrajja tal-passjoni: il-mument meta d-dixxipli jabbandunaw lil Ġesù meta dan jiġi arrestat, u l-mument meta s-suldati jneżżgħu lil Ġesù minn ħwejġu qabel jiġi msallab. Dan ifisser l-umiljazzjoni ta' Ġesù u l-konsegwenzi tad-dnub, bħala preparazzjoni għaċ-ċelebrazzjoni ta' ħajja ġdida li sseħħ permezz tal-qawmien mill-imwiet ta' Kristu.

Fi kwalunkwe mod kif dan il-jum jiġi ċċelebrat, l-Ewkaristija ta' Ħamis ix-Xirka hija marbuta intrinsikament mat-tema tat-tifkira. Hekk kif Ġesù u d-dixxipli tiegħu mxew mal-Liġi tal-Lhud (it-*Torah*) biex ifakkru l-ħelsien ta' missirijiethom mill-jasar fl-Eġittu, waqt li kielu flimkien l-Ikla ta' l-Għid, hekk ukoll kull Nisrani huwa msejjaħ biex ifakkar "il-Patt il-Ġdid li jibqa' għal dejjem" li Ġesù waqqaf f'dan il-jum għażiż ta' Ħamis ix-Xirka.




**4, Shalom,**
**Triq il-Watar,**
**Ħaż-Żebbuġ**

**Tel: 2146 0950**
**Office: 2147 2219**
**Mob: 9947 1168**

# Paul Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17,
N/S Off Mdina Road, Ûebbu©, Malta

Tel: 2146 6615

# Relikwi tal-Passjoni f'Malta u Għawdex

• Guido Lanfranco

Fit-18 ta Marzu 1571, wara li kienet ilha fil-Birgu mill-1530, l-Ordni ta' San Ġwann għamlet it-trasferiment għall-belt il-ġdida Valletta, li kienet lesta biżżejjed biex fiha tinbeda ħajja ġdida. Il-Gran Mastru Del Monte, kavallieri, reliġjużi u bosta dinjitarji oħra ħadu sehem f'ċerimonja mponenti. Kulħadd niżel proċessjonalment lejn ix-xatt tal-Birgu, telgħu fuq il-bċejjeċ tal-baħar imżejna apposta, qasmu lejn il-Belt fost salut mill-kanuni, daqq ta' qniepen u trumbetti u ntlaqgħu minn folol ta' nies u festi oħra meta waslu l-Belt. Imma fuq kollox, il-prijur ta' l-Ordni żamm f'idejh ir-relikwa tas-Salib ta' Kristu.

## Il-Verulinju u l-Ordni ta' San Ġwann

Ir-relikwa tas-Salib kienu jirreferu għaliha bħala *Vero Legno*, jew *Vera Crux* li tfisser l-injam veru mis-Salib u aħna ndawwru l-kelma Verulinju. Is-Salib kien ilu jingħata venerazzjoni speċjali sa minn meta Konstantinu għażlu bħala sinjal tar-rebħa u ftit ftit bdiet tikber id-devozzjoni lejh u bdew jidhru r-relikwi. Semmejna l-Ordni ta' San Ġwann għax huma ġabu magħhom ir-relikwa tas-Salib li bdiet devozzjoni speċjali fil-gżejjer tagħna minn żmienhom. Meta l-Ordni tilfet Acre tilfet ukoll ħafna relikwi li kienu nġabru mis-Sirja imma wara l-1312 ġabru oħrajn li kienu tal-kavallieri Tat-Tempju (jew *Templari*) li kienu ħaduhom f'Ċipru. Fost oħrajn kellhom il-Verulinju.

Ir-relikwa tal-Verulinju li kellhom f'San Ġwann, il-Belt kienet imdaqqsa mhux ħażin. Din fi żmien kienet venerata f'Antijokja u f'Kostantinopli imma waqgħet f'idejn it-Torok fl-1450. Żmien wara' is-Sultan Bayazette kien irregalaha lill-Gran Mastru D'Aubusson. Irċieva wkoll rigal mingħand il-patrijarka ta' Kostantinopli ostensorju ffurmat qisu salib li kellu fih frak mis-Salib; dan inġabar mar-relikwarji l-oħra u biż-żmien ġabuh ukoll f'Malta. Il-Verulinju kien jidħol f'diversi ċerimonji tal-Kavallieri. Bħala eżempju nsemmu li, meta l-Ordni kienet għadha Rodi, meta kien jasal Gran Mastru ġdid, wara li jilqgħuh id-dinjitari, l-isqof jew il-prijur kien jippreżentalu l-Verulinju biex ibusu.

Fil-knisja ta' San Ġwann, il-knisja konventwali ta' l-Ordni (jew, kif kienu jsejħulha, Ir-Reliġjon), is-sena kollha, kull nhar ta' Ġimgħa kienu jagħmlu quddiesa solenni tas-Salib u wara jagħmlu proċessjoni bil-Verulinju. Domenico Magri (1604-1672), fl-'enċiklopedija' tiegħu (1644) jiftakar li fil-Ġimgħat ta' Marzu il-qassisin kienu jgħattu wiċċhom b'velu iswed, u għalhekk dik il-proċessjoni bil-Verulinju, għal dawk il-jiem, kienet tissejjaħ il-'proċessjoni s-sewda'.

Pinto

*Pastizzeria & Confectionery*

**Caterers for all Functions**

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 2144 2887 (Dolceria), 2144 0373 (Shop) — Mob: 9944 3394**

Saint Philip Confectionery

Caterers for all occasions

**Sciortino Street Żebbuġ.**
**Tel: 2146 4418 Mobile: 9949 9132**

Meta kienu jinqalgħu okkażjonijiet ta' biża' bħal gwerer, invażjonijiet u nkwiet ieħor nazzjonali bħal pesta u nixfa, kienu jsiru proċessjonijiet u espożizzjonijiet bir-relikwi, fosthom b'dik tal-Verulinju. Fost oħrajn sar hekk meta kien hemm il-pesta tal-1592-1593 li qerdet mat-3800 ruħ.

Irridu ngħidu li l-Gran Mastru La Valette, fuq is-sodda tal-mewt talab li jingħata l-Griżma tal-Morda u talab ukoll li jżomm f'idejh Kurċifiss li fih kellu relikwa tal-Verulinju. Miet fil-21 ta' Awissu 1568.

Tajjeb ngħidu li fil-knisja ta' San Ġwann, il-kappella ta' San Mikiel tal-Lingwa ta' Provenza bit-titular ta' San Mikiel, kienu jżommu fuq l-altar il-Verulinju. Dan għaliex billi San Mikiel huwa anġlu ma kienx hawn relikwi tiegħu, għalhekk għażlu li jesponu r-relikwa tas-Salib. Fil-festa ta' San Mikiel, wara l-aħħar vanġelu iċ-ċelebrant kien jinżel it-tarġiet ta' l-altar biex jinċensa r-relikwa u wara' iżommha f'idejh biex jiġu jbusuha dawk preżenti, jibda bil-Gran Mastru u jispiċċa b'kull min ikun fil-knisja.

Fit-12 ta' Mejju 1698 Kzeremetz, l-ambaxxatur Russu u ġeneral ta' l-armata ta' Moska intbagħat Malta biex iżur l-Ordni ta' San Gwann. Minħabba diversi raġunijiet diplomatiċi din kienet żjara importanti, għalhekk ġie milqugħ bl-akbar pompa u rispett. Qabel telaq lura l-Gran Mastru tah is-salib bi tmien ponot ta' l-istess Ordni, imma biex dan ikollu aktar valur is-salib messewh mar-relikwa tal-Verulinju u ma' l-oħra tad-driegħ ta' San Ġwann Battista miżmumin fil-knisja konventwali. B'hekk dak is-salib ta' tmien ponot ħa d-dinjità ta' relikwa sekondarja jew tas-sekonda klassi. Dan ifisser li għalkemm ma kienx relikwa fih innifsu, ntmess ma' relikwa oriġinali jew primarja, għalhekk jiġi miżmum bħala ħaġa ta' devozzjoni.

Fil-parroċċi kollha fis-seklu tmintax, f'wieħed mill-Ħdud ta' qabel ir-Randan kienet issir l-hekk imsejħa *Bolla Crociata*. Din l-attività jew kampanja saret l-ewwel darba f'Malta fid-9 ta' Frar 1743 u baqgħet okkażjoni annwali. Din kienet stabbilita mill-Papa Benedettu IV fl-istess sena biex bil-flus ta' dawk li jinkitbu fiha, u li kienu jitwiegħdu ndulġenzi u privileġġi speċjali, jgħinu l-art imqaddsa. Kienet issir proċessjoni bħala pellegrinaġġ penitenzjali, imma b'ħafna pompa, sparar ta' saluti u qniepen mill-palazz għal San Ġwann, u l-prijur ta' l-Ordni kien iġorr f'idejh il-Verulinju. Wara din iċ-ċerimonja l-Gran Mastru kien ikollu pranzu fil-palazz mal-kunsill u l-mistednin.

Relikwi tal-Verulinju jkomplu jissemmew f'okkażjonijiet oħra. L-isqof ta' Malta Gori Mancini kellu relikwarju żgħir forma ta' salib li fih kien hemm biċċa Verulinju. Meta l-isqof miet f'Augusta fi Sqallija il-Gran Mastru laqa' t-talba tad-Dumnikani ta' hemm biex iżommu huma ir-relikwarju u tahulhom fl-1728. Il-Gran Mastru Vilhena kellu relikwa tal-Verulinju u rregalaha lill-knisja ċkejkna ta' Sant'Antnin ta' Padova fil-Fortizza Manoel f'Jannar 1733. Fl-1998 f'Malta saret id-disa' laqgħa minn għadd kbir ta' kavallieri membri ta' l-Ordni Sovran Militari u Ospidallieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm. Fosthom kien hemm

wieħed Malti Amerikan li kellu relikwarju tas-seklu tmintax bil-Verulinju u tal-Veronika. Dan kien sejjer jirritornah lill-kattidral ta' Benevento għax fit-tieni gwerra dinjija wieħed suldat Amerikan kien serqu, imma wara nidem, mar iqerr, u l-konfessur tah lil dan il-Malti Amerikan biex iroddu.

Meta Napuljun daħal Malta fl-1798 kien it-tmiem ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta. L-aħħar Gran Mastru, Hompesch kellu jħalli Malta, imma ħallewh jieħu miegħu tliet oġġetti li l-Ordni kienet iżżomm b'għożża kbira fil-knisja konventwali. Dawn kienu ir-relikwa tal-Verulinju, tad-driegħ ta' San Ġwann Battista u l-ikona tal-Madonna ta' Filermos. Il-fidda u l-ħaġar prezzjuż li kellhom magħhom żammewhom il-Franċiżi. Meta Paul I ipproklama ruħu Gran Mastru u protettur ta' l-Ordni dawn it-tliet oġġetti devozzjonali li min jaf x'raw fi żmienhom għand il-kavallieri ta' Malta għaddew għal għandu. Ir-relikwa tal-Verulinju minn Malta issa tinsab ir-Russja.

## Aktar Verulinju f'Malta u Għawdex

Darba Malta kienet taħt il-Konti Guglielmo Grasso. Dan kien ammirall Ġenoviż, u wkoll pirata fil-Mediterran kif kienet drawwa sa mill-qedem. Fl-1187 kien interċetta biċċa tal-baħar li fuqha sab u seraq, bi sħab ma' ħaddieħor, relikwa tas-Salib. Dan qed ngħiduh biex nuru li dawn ir-relikwi ilhom żmien sewwa jiċċirkolaw ma' kullimkien.

Fil-Birgu il-Verulinju ta' l-Ordni kien dejjem aktar magħruf sa minn meta l-Kavallieri ġew l-ewwel darba f'Malta imma f'din il-belt hemm imsemmijin oħrajn. L-inkwiżitur Passonieri, fl-1753 kien irregala relikwarju żgħir tal-Verulinju lill-knisja ta' San Lawrenz. Fil-Birgu kellhom ukoll il-fratellanza tal-Via Sagra. Il-fratelli kienu jagħmlu l-festa fil-knisja fir-raba' Ħadd tar-randan li kien magħruf bħala *laetare* mill-ewwel kelma ta' l-introjtu tal-quddiesa li kienet issir f'dak il-Ħadd. Kienu jagħmlu l-Via Sagra bil-priedka għal kull stazzjon, bil-fratelli, libsin iċ-ċoqqa ħamra (ma kellhomx kunfratija) u l-muzzetta sewda, jżommu s-salib u żewġ fanali quddiem kull stazzjon. Meta kienet tispiċċa l-Via Sagra kienet tingħata l-barka bil-Verulinju. Fl-1724 il-fratellanza tal-Kurċifiss tal-Birgu akkwistat relikwa tal-Verulinju għall-oratorju tagħha u bdew jużawha l-aktar fil-festi tas-Salib tat-3 ta' Mejju, li aħna nafu wkoll bħala Santu Kruċ. Din ir-relikwa kien tahielhom Dun Ġużepp Azzopardi fl-1 ta' Marzu 1714. Fil-Birgu kellhom kurżità konnessa mal-Verulinju li kienet tiġbed il-folol. Meta kienu jerġgħu lura fil-knisja wara l-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira r-reffiegħa tal-vari, quddiem il-Verulinju espost fuq l-altar tal-Kurċifiss, kienu jagħmlu ġenuflessjoni jew reverenza flimkien bl-istatwa għadha fuq spallejhom. Din kienet 'bravura' li n-nies kienu jiffullaw għaliha biex jarawha għal kull vara li tidħol, u għalhekk ma baqgħetx issir minħabba r-rassa tal-folol. Fil-Birgu, f'San Lawrenz kellhom il-Volto Sant fi gwarniċ tal-fidda u fin-naħa ta' fuq kellu ngastat il-Verulinju bil-filugranu tad-deheb.

F'Bormla wkoll jissemmew relikwi tal-Verulinju. Wieħed mill-inkwiżituri

kien ta relikwa tas-Salib lill-fratellanza tal-Kurċifiss tal-parroċċa ta' Bormla, għax hu kien ukoll wieħed mill-fratelli. Meta l-isqof Alpheran de Bussan għamel viżta pastorali f'Bormla ra relikwarju għamla ta' salib dekorat bil-ħġieġ li kien fih biċċa mill-Verulinju.

Fl-Isla il-fratelli tal-Kurċifiss kienu jiltaqgħu kull nhar ta' Ġimgħa tar-randan u fi tmiem id-devozzjonijiet kien ikollhom l-adorazzjoni tar-relikwa tas-Salib. Fil-proċessjoni jew aħjar pellegrinaġġ penitenzjali tar-Redentur ta' L-Isla, magħruf ukoll bħala l-pellegrinaġġ 'tal-wegħda', tinġarr ir-relikwa tal-Verulinju taħt il-baldakkin. Fl-Isla kienu jsiru ż-żewġ festi tas-Salib, dik tat-3 ta' Mejju tas-sejba tas-Salib, u l-oħra fl-14 ta' Settembru ta' l-eżaltazzjoni tas-Salib. Iċ-ċelebrant f'dawn il-festi kien iżomm f'idejh il-Verulinju taħt il-baldakkin aħmar li kien sar fl-1856. Fl-1958 Monsinjur Peter Cavendish irregala relikwa tal-Verulinju lill-kapitlu ta' L-Isla. Din saret it-translazzjoni tagħha fis-26 ta' Frar 1958 mill-knisja ta' San Ġiljan sal-parroċċa.

F'Ħaż-Żebbuġ fl-1718 ġiet akkwistata ir-relikwa tal-Verulinju; l-ostensorju għamluh sentejn wara. L-ostensorju sar tad-deheb u tal-fidda dekorat bil-kristalli u beda jintrefa' f'tabernaklu apposta. Għal dan it-tabernaklu fl-1719 is-Sodalità ta' l-Agunija biddlu parti mill-altar ta' l-Erwieħ u minn dak iż-żmien bdew jagħmlu il-proċessjoni ta' Santu Kruċ bir-relikwa l-ġdida tal-Verulinju. Matul ir-randan kienu joħorġu waħda mill-vari fil-knisja u kienet issir priedka fuq il-vara li jmiss. Sadattant kienu jpoġġu l-Verulinju fuq l-altar ta' l-Erwieħ wara l-barka. Fil-festa tas-Salib fit-3 ta' Mejju, kull sena kienu joħorġu ir-relikwa tas-Salib taħt baldakkin aħmar.

Il-fratellanza ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' Malta li jorganizzaw il-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira għandhom relikwarju tal-fidda bil-Verulinju.

F'Ħal Qormi, parroċċa ta' San Ġorġ, kienet osservata ir-relikwa tas-Salib f'ostensorju tal-fidda waqt il-viżti pastorali, bħal eżempju, f'dik tal-1747.

Ħal Safi għandhom relikwa tas-Salib li tahielhom Dun Carlo Reboul tal-Belt fl-1747 siġillata f'San Ġwann Lateran ta' Ruma fl-1716.

F'Ħal Lija, l-ewwel relikwa li kellhom kienet dik tal-Verulinju li kien tahom il-kavallier Viani fl-1719. Viani kien akkwistaha mingħand l-isqof ta' Ferentino fl-1716. Fl-1720 saret it-translazzjoni tagħha mill-knisja ta' Sant'Andrija għall-parroċċa f'ostensorju li sarilha apposta.

Fl-1710 il-fratellanza tal-Kurċifiss (għand Ta' Ġieżu) u dik tas-Sagrament (għand id-Dumnikani), it-tnejn tal-Belt Valletta, ftehmu li jipparteċipaw f'xi okkażjonijiet speċjali ta' xulxin. Fost affarijiet oħra kienu rranġaw li tal-Kurċifiss jingħaqdu għall-festa ta' Korpus u tas-Sagrament f'dik ta' Santu Kruċ bil-patt li waqt dik tas-Sagrament iżżomm il-preċedenza fil-proċessjoni, dik tal-Kurċifiss iżżomm dik tal-Verulinju u l-vara.

Hemm diversi relikwi oħra tas-Salib f'Malta li ma nistgħux insemmuhom kollha, imma nirrimarkaw biss fuq dik tal-parroċċa tan-Nazzarenu, tad-Dumnikani

Id-Dentista

# Marlene Pullicino

*tawgura*

# *l-Għid it-Tajjeb*

**Il-Klinika**
**Marlene's Dental Clinic**
**fi Triq Ħal Kbir, Siġġiewi**
**tiftaħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa**
**mis-7.00am sas-7.00pm**
**u s-Sibt**
**mis-7.00am sas-1.00pm.**

**Tel: 9943 2407 / 2146 1682**
**F'każ ta' emerġenza**
**ċempel 99432407**

Fix-xhur li ġejjin ser jinfetħu
żewġ kliniċi...

**Healthwise Clinic, Vjal il-Ħelsien - Żebbuġ**
**151, Triq il-Kbira, Żurrieq**

f'Tas-Sliema. Dawn m'għandhomx statwa għall-festa; fi żmien kienu jiċċelebraw dik ta' San Duminku imma ma qabdetx art. Billi t-titular mhux suġġett ta' briju u festi, jsir biss pellegrinaġġ bil-Verulinju u bl-inkwadru pittura tan-Nazzarenu.

F'Għawdex insibu diversi relikwi tas-Salib. Gianpiet Franġisk Agius De Soldanis isemmi lista ta' relikwi fil-kappella ta' Sant'Ursla tal-Kattidral u fosthom jgħid li hemm biċċa kbira sew mill-Verulinju u jgħid li hi l-akbar biċċa wara dik tal-knisja ta' San Ġwann tal-Belt Valletta. Il-Fratellanza tal-Kurċifiss tar-Rabat, San Ġorġ, Għawdex għandhom Relikwa tas-Salib li tahielhom De Soldanis; jidher li De Soldanis irregala wkoll relikwi simili lix-Xagħra u lix-Xewkija kollha bid-data tat-3 ta' Diċembru 1739.




## Xewka mill-Kuruna

Relikwa oħra mill-aktar imsemmija u meqjuma hija dik tax-xewka mill-kuruna ta' Kristu waqt il-Passjoni. Il-Kavallieri, meta kienu għadhom f'Rodi kellhom żewġ xewkiet. Jgħidu li waħda minnhom kienet mirakoluża. Din ġabuha magħhom f'Malta u fl-1587 kienu mmudellawlha r-relikwarju mill-ġdid. Kienu jgħidulha 'mirakoluża' għax il-kapitlu ta' l-Ordni, f'Ruma fl-1446 kienu ddeċidew li kienet tnibbet f'nofsinhar tal-Ġimgħa l-Kbira meta jesponuha fuq l-altar. Petrus Forskaal, botaniku naturalista minn Helsinki li kien żar il-knisja ta' San Ġwann f'Ġunju 1761 u wrewh ir-relikwa tax-Xewka, irrimarka li ma kienetx mill-pjanta *Rhamnus spinosus* maħsuba li kienet użata biex minnha ssir il-kuruna ta' Kristu; anzi deherlu li kienet biċċa għadma mnaqqxa rqiq.

L-inkwiżitur Antonio Ruffo kien irregala relikwa bix-Xewka tal-Kuruna ta' Kristu imċappsa bid-Demm lill-kapitlu tal-Kattidral ta' l-Imdina. Kienu għamlu t-translazzjoni tagħha, fost tiżjin u daqq ta' qniepen, mill-monasteru tas-sorijiet Benedittini fejn saru ċerimonji mill-isqof, antifoni, inċens, mużika u fl-aħħar ħarġu biha għall-Kattidral taħt il-baldakkin. Wara dan, fid-19 ta' Ottubru 1727, żewġ dinjitarji mill-kapitlu marru għand l-inkwiżitur biex jirringrazzjawh għar-relikwa tax-Xewka.

Il-fratellanza tal-Kurċifiss f'Ta' Ġieżu, l-Belt akkwistaw relikwa tax-Xewka ta' Kristu fl-1753. Din kien tahielhom wieħed mill-istess fratelli Giov. Camilleri f'April tal-1753 u fl-1754 saret it-translazzjoni tagħha mill-monasteru ta' Santa Katarina bi proċessjoni solenni matul diversi toroq, fost musketterija, salut mill-palazz, u daqq tal-qniepen kollha tal-Belt.

## Tal-Veronika u l-Volto Sant

Fil-Birgu kellhom relikwa tal-Wiċċ ta' Kristu li fi kliem ieħor tfisser biċċa



mis-sudarju jew drapp li bih il-Veronika, kif insejħulha, mesħet Wiċċ Kristu. Din kienu jużawha għall-benedizzjoni u wara żmien inkludewha bħala parti mill-Monument tal-proċessjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa. Dun Ġużepp Vella tan-Nadur kien akkwista replika tal-Wiċċ ta' Kristu. Din kienet intmesset ma' l-oriġinal li jinsab fil-bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. Mhux biss, imma kienet intmesset ukoll mar-relikwa tas-Salib u tal-ponta tal-lanza, li jinsabu hemm ukoll, fl-14 ta' April 1898.

Kif rajna ftit qabel, oġġetti li jintmessu ma' relikwi maħsubin li huma oriġinali, jibdew jissejħu relikwi sekondarji jew tat-tieni klassi u dik tal-Wiċċ ta' Kristu msemmija għan-Nadur hija waħda minnhom. L-istess ġara fir-replika tal-Liżar jew Sindona ta' Kristu li tinsab fir-Rabat ta' Malta.



## Is-Sindona jew Liżar ta' Kristu

Din ir-'relikwa' sekondarja jew tas-sekonda klassi li ntmesset mal-Liżar ta' Torin hija riproduzzjoni jew imitazzjoni bħalma jinsabu wkoll f'diversi artijiet oħrajn. Tar-Rabat kienet awtentikata bħala riproduzzjoni li ntmesset ma' ta' Torin fl-1663. Kienet ilha mdendla f'inkwadru fis-sagristija tal-knisja ta' San Publiju fuq il-Grotta ta' San Pawl, imma fl-1986 bdew jieħdu ħsiebha il-*Friends of the Sindone (Malta)* li twaqqfet f'April tal-1985 li organizzaw diversi attivitajiet konnessi mad-devozzjoni lejha.

## Relikwi Oħra tal-Passjoni

Minbarra l-Verulinju u dawk li ġa semmejna hemm diversi relikwi oħrajn konnessi mal-Passjoni. F'San Ġorġ tar-Rabat ta' Għawdex kellhom inkwadru tal-Volto Sant fuq l-altar ta' Santa Katarina li issa jinsab fil-kappella tal-Kurċifiss; dan għandu madwaru għadd ta' relikwi konnessi mal-Passjoni. Il-Konti Giovannantonio Ciantar fl-1780 isemmi li, minbarra il-Verulinju u x-Xewka, f'San Ġwann kien hemm ukoll relikwi tal-kolonna tal-flaġellazzjoni u farka mill-kripta ta' Kristu. Hemm ukoll salib tal-bronż magħmul mill-friskatur li fih Kristu ħasel saqajn l-appostli. Relikwarju ieħor tal-Ordni kien fih biċċa mill-kolonna, trab mill-Golgota u farka njam mill-mejda ta' l-Aħħar Ċena minbarra li kellhom ukoll bċejjeċ mill-porpra ta' Kristu Aċċjomu.

Fil-Birgu, madwar ir-relikwa tal-Volto Sant, ingastaw relikwi tal-ħalliel it-tajjeb u tal-Madalena. Ir-relikwarju għamla ta' salib li l-inkwiżitur Ruffo kien irregala lil Ħal-Lija permezz ta' Dun Salv Micallef kien fih, fost oħrajn, relikwi tal-porpra, tal-qasba, tal-liżar u ta' l-isponża.

## Is-Sacro Denaro

L-istoriku ta' l-Ordni Bosio fl-1594 semma relikwa tas-*Sacro Denaro* jew *Santo Denaro*. Dawn kienu, (kif riedu jgħidu), tnejn mit-tletin biċċa tal-fidda li Ġuda rċieva meta ttrradixxa 'l Kristu, u kienu jesponuhom f'Ħamis ix-Xirka. Din kienet drawwa li l-Ordni sostniet fil-Birgu. Mhux biss, imma f'Sibt il-Għid kienu jqassmu lin-nies fil-knisja, muniti tax-xemgħa kopji ta' dawk li kellhom bħala relikwa. Kienu jqassmu minnhom ukoll lill-baħħara bħala amuleti bil-ħsieb li jħarsuhom kontra d-deni u d-diżastri. Jingħad li darba fl-1558 insterqet waħda mill-'oriġinali' imma nstabet ftit wara. Dawn iż-żewġ muniti kienu miżmumin f'kaxxa tal-fidda u kienu jarawhom diversi viżitaturi li kienu jiġu Malta u jżuri t-teżori ta' l-Ordni. Esperti fil-muniti mill-ewwel indunaw li dawk l-hekk imsejħa flus ta' Ġuda kienu tabilħaqq muniti ta' Rodi. Dawn iż-żewġ muniti jinsabu miżmumin fil-mużew tal-Kattidral fl-Imdina.

Fil-gżejjer tagħna jinsabu għadd kbir ta' relikwi tal-Passjoni mhux biss fil-knejjes u postijiet devozzjonali jew reliġjużi imma wkoll fi djar privati. Hafna minnhom huma mżejna b'ħafna dekorazzjoni bil-fidda u d-deheb. Hafna minnnhom ikunu mwaħħlin ma' santi jew immuntati numerużi f'relikwarji qishom inkwadri ta' kull daqs. Hemm ukoll għadd ta' Msiemer tal-Kruċifissjoni li ntmessu ma' dawk maħsuba l-oriġinali f'Ruma. Frak u bċejjeċ tas-Salib ilhom mijiet ta' snin jiċċirkolaw u jtuk x'taħseb li bosta minnhom ma jkunu xejn ħlief farka njam. Dan jiġri mar-relikwi kollha, bħalma jiġri wkoll f'ħafna affarijiet oħra fejn il-bniedem, dejjem bniedem, jipprova jagħmel profitt minn fuq min jafda. Jekk isir eżami xjentifiku fuq dawn il-frak kollha tas-Salib, kif jista jsir ukoll fuq relikwi oħra, żgur li jibdew jitfaċċaw ħafna differenzi bejn dawk li suppost huma ta' l-istess ħaġa. Imma jien dejjem tal-fehema li m'hemmx għalfejn noqogħdu nfettqu u ninsistu biex nippruvaw l-awtentiċità tar-relikwi l-antiki għax dawn ħadd ma jista' jippruvahom jew jinnegahom b'ċertezza. Sakemm dawn joħolqu devozzjoni li sservi biex ittejjeb ir-ruħ, joħolqu devozzjonijiet u ma jagħmlu ħsara lil ħadd, veri jew foloz, ikunu qed jaqdu l-iskop tagħhom xorta waħda.

Vanity Fare



Cosmetics, Perfumes,
Agent for: Hair Accessories
109, Bishop Caruana Street, Ûebbu©, Malta • *Tel: 2146 3813*


ATTRANS

# Quddiem l-Istatwa tad-Duluri

● Carmel Bianchi



Disinn: Ġorġ Mallia

Ġo raħal ċkejken, imdawwar bil-ħdura tas-siġar u l-ħaxix, kienet tgħammar familja ta' tnejn min-nies: Fredu l-missier u bintu Doris. Bintu kienet l-unika tifkira ħajja li ħallietlu martu Tonina. Doris, miskina, tilfet 'l ommha ftit ħin biss, wara li ommha offrietha lil missierha. X'ħasra hux! X'għafsa ta' qalb, x'ħin tiftakar, li wara dik it-tbatija kollha, biex toffri ruħ ħajja lid-dinja, u tkun tixtieq li tħaddan u tbus, dak li sar minnek, u f'salt wieħed, tinfired minnu darba għal dejjem. Imma x'tagħmel? Għall-magħmul m'hemmx kunsill. U Doris kibret imċaħħda mill-imħabba ta' ommha.

Ġurnata waħda, Doris, li kienet saret xbejba sabiħa, kienet ħdejn ir-rixtellu tad-dar tagħhom, imħassba u f'tilwima ma' Victor, il-maħbub ta' qalbha.

"Jeħtieġ naraw x'se nagħmlu, għax jien mhux taż-żufjett. Jekk ma tridx niddeċiedu meta se jsir it-tieg tagħna, fittex bieb ieħor," qal imgħaddab.

Doris, għal dan il-kliem, inħasdet u wiċċha ħmar daqs il-peprin, telgħetilha għoqla fi griżmejha u ma felħitx twieġbu.

Taħsbux li Doris ma kinitx tħobb liż-żagħżugħ tagħha. Hija kienet mgħaġġla daqsu biex jingħaqdu fiż-żwieġ. Imma kien hemm missierha fin-nofs. Il-firda kagħbritu qatigħ. Ħasset li jekk titilqu issa meta l-aktar jeħtieġha, tkun qed tonqos bil-kbir. Setgħet tiżżewweġ u tibqa' miegħu. Tassew. Imma beżgħet li ma tkunx tista' tiddedika ruħha għalih mija fil-mija.

Victor ma kienx tal-fehma tagħha. Kien jaf li bosta drabi mietu l-ħrief qabel in-nagħaġ.

Saħansitra ssuġġerielha wkoll, biex tibagħtu f'istitut tax-xjuħ. Imma dik ma kinitx kelma. U, kollha mbaqbqa, qaltlu "Qed tgħid hekk, għax għad fadallek 'l ommok u 'l missierek ħajjin, imma jien lilu biss għandi… Sakemm niflaħ jien, ħadd ma jdur bih ħliefi," u nfexxet tibki.

# Żebbuġ Video Rentals

4, Vjal il-Ħelsien – Tel. 2146 8835

**Il-Ħanut Ideali għall-Films Oriġinali**
**u New Releases u DVD Rentals**

**• Radios • Stereos • Video Rec.**
**• T.V. • Cards**

***Nagħmlu Photocopies tal-Kulur.***

# HILLTOP GARAGE

***• Panel Beating***
***• Spray Painting***
***• Oven Bake Spray Booth***
***• Colour Mixing Machine***

**Approved by Insurances**
**Specialised on Toyota Vehicles**

Darren Dalli
Mob: 9987 3827

G˙arram Road, Ûebbu© ZBG 06, Malta
e-mail: htp@maltanet.net

Ftit wara, tbaxxiet u bieset 'l-iris il-warda waħdanija li kien hemm f'roqgħa ħamrija ġewwa r-rixtellu tagħhom.

Victor bħal tħassarha u għal darb'oħra reġa' kiser is-skiet li qabad isaltan bejniethom.

"Doris, aqtagħli dik l-iris li għadek kemm bist, b'turija ta' mħabbitna."

"Le, Victor," qaltlu Doris, "jiddispjaċini, imma din il-warda, diġà wegħedtha…"

"Mela obżoqha," qatagħlha kliemha, "qed iġġib skuża minħabba missierek…" għajjat iż-żagħżugħ. Demmu telagħlu għal rasu, u ħallieha bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa.

Hija baqgħet tħares lejh ċassa, sakemm għeb minn quddiemha. Wara marret tara missierha jeħtiġhiex xi ħaġa. Imbagħad daħlet fil-kċina, qabdet tazza bl-ilma, marret qatgħet 'l iris, u rħitilha lejn il-knisja.

Waslet fil-maqdes u telqet dritt quddiem l-istatwa tad-Duluri. Il-vażett tal-fjuri kien battal. It-tfajla tefgħet l-ilma u poġġiet dik il-fjura. Mhux dik kellha. Imbagħad, intasbet għarkubbtejha, u bdiet titlob għall-fejqan ta' missierha u biex Victor jerġa' lura fi ħdanha. Bieset il-Madonna, sellmet lil Ġesù Sagramentat u telqet lura lejn id-dar.

Dik l-istess lejla, Victor li ma kienx xi tifel ħażin, ma naqasx li jmur sal-knisja bħas-soltu, iżur lil Ġesù Sagramentat, kif ukoll jgħid *Salve Regina* quddiem id-Duluri. Kif kien quddiem l-istatwa, imnikket, talab:

"Duluri għażiża, għax ħabbejt b'qalbi kollha, intbaħt li kienet qed tqarraq bija. Għinni int, għax ma nafx x'se nagħmel mingħajrha." Dak il-ħin, id-dmugħ ċajparlu ħarstu. B'subgħajh il-werrej mesaħ għajnejh, u f'dak il-waqt induna li xemgħa minn ta' quddiem ix-xbieha kienet se taqbad, u dlonk resaq biex jitfiha. Fil-fixla laqat u waqqa' l-fjura li kien hemm fil-vażett. Poġġieha f'imkienha u moħħu jgħum f'baħar ta' ħsibijiet, telaq lejn id-dar.

Meta tasallek is-siegħa, biex tinfired mid-dinja, u tmur tingħaqad mal-Ħallieq Divin, jistgħu jagħmlu x'jagħmlu t-tobba. Jistgħu jivvintaw duwa u pilloli x-xjenzati, għax ikun kollu ta' xejn. U hekk ġralu Fredu, missier Doris, meta waslet sigħetu, il-mewt ġiet tħabbatlu u karkritu magħha.

Sar il-funeral, u fredu mar jgħodd ruħu ma' dawk l-iġsma midfuna, li xi darba kienu bir-ruħ u l-ġisem bħalna. Dawk l-iġsma mwennsa biss mill-monumenti li kien hemm jgħassu qabarhom.

Mur għidilha 'l Doris, li l-maħbub tagħha, minkejja kollox, baqa' jsus il-passi tagħha, avolja ħaseb li kellha xi maħbub ieħor. Fejn tħobb il-qalb, jimxu r-riġlejn. U iżjed u iżjed wara l-mewt ta' Fredu. Iż-żjajjar tiegħu, qrib id-dar ta' Doris, bdew ikunu aktar spissi, biex forsi jitkixxef aħbarha.

# ALLWOODS & STEEL LTD

*Timber, Steel, & General Building Material Stockholders*

**Żebbuġ Road, Attard - Malta**
**Tel: 2141 8029**

Kien l-istaġun tal-fjuri, u l-basla ta' l-iris, welldet fjura oħra.

Mela ġara li waqt li Doris kienet qiegħda ssaqqi dik ix-xitla ta' l-iris, Victor inzerta kien f'dawk l-inħawi. Mar dritt fuqha, ftit mistħi, għax ħaseb li se ċċanfru. Mur għidlu li t-tnejn li huma kienu bil-għatx għal xulxin. It-tnejn xtaqu li jħalltu demmhom f'kalċi wieħed u jixorbu minnu l-ferħ u n-niket. Iżda Victor għamel l-almu u żerżaq kelmtejn bi tbissima fuq wiċċu.

"X'hemm Doris… kif inti? Dik il-fjura, issa tista' tagħtihieli, jew erġajt ilħaqt wegħedtha lil xi ħaddieħor?"

Doris, li bil-kemm riedet temmen lil għajnejha, imtliet bil-ferħ, u dlonk stqarritlu kull m'għamlet biha.

"Imm'int issa qed tgħidli, li kienet għad-Duluri! Għax m'għidtlix dak inhar stess?" issokta hu.

"Mela nsejt kemm issupervjajt," fakkritu Doris.

U hawn beda jġib quddiem għajnejh ix-xemgħa se taqbad. Ftakar ukoll li tbaxxa biex iġib il-fjura mill-art meta huwa stess waqqagħha. Talabha taħfirlu għal dak kollu li ġarrbet minħabba fih.

Qalbhom reġgħet bdiet tfawwar bil-hena.

F'kemm trodd salib, Doris daħlet ġewwa, tefgħet libsa fuqha aħjar milli kellha, firdet l-iris mill-basla, u marret id f'id ma' Victor il-knisja, biex jiżżu ħajr lid-Duluri. Dakinhar stess, kienet taħbat il-festa tad-Duluri Mqaddsa, għalhekk ma setax jonqos li tkun imżejna xi ħaġa aqwa mis-soltu. Xema' u fjuri kien hemm kemm trid.

It-tnejn flimkien, poġġew il-fjura tagħhom, ċkejkna imma minn qalbhom, ħdejn riġlejn l-istatwa, ma' l-għadd sabiħ ta' fjuri oħra li kien hemm. Kont tistħajjel, li l-istatwa tad-Duluri, ħarġet mill-knisja u marret passiġġata f'xi ġnien.

Qabel ma ħallew l-istatwa, ħalfu lil xulxin li l-mewt biss issa terġa' tifridhom. U xhud ta' kliemhom kien hemm l-istatwa tad-Duluri.

TELEFLOR INTERNATIONAL

# The Rose Shop

**New Street, Qormi QRM 07Tel: 2148 3342 • Mob: 9945 8532, 9946 6696**

***Flower Arrangements for Weddings, Engagements, Parties, etc...***

Fresh & Artificial Flowers and Plants for hire, Invitations,
Souvenirs and Accessories for every occasion. **Free Delivery.**




# An open mind is the best way to look at the world.

It would be a dull world indeed if we all thought the same thing about fireworks and village bands. Or anything else for that matter.

At HSBC we listen to millions of people all over the world, every day. And one thing we have learned is that it's best to keep our ears and minds open.

After all, it's the different way we look at things that keeps the world moving.

HSBC

The world's local bank

# Il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Filatelija

**Ir-raba' Parti**

Kitba ta' Carmel Scicluna Bonnici

F'dan l-artiklu se nkomplu fejn ħallejna s-sena l-oħra. Intennu li normalment dawn is-settijiet jissejħu ta' l-Għid u mhux tal-Ġimgħa l-Kbira.

## Barbados




Din hija gżira fil-*West Indies* fuq ix-xaqliba ta' *Windward Island*. Ilha mill-1961 b'forma ta' *self-government* filwaqt li fi tmiem Novembru 1966 ħadet l-indipendenza u saret parti mill-*Commonwealth*. L-ewwel sett ta' l-Għid inħareġ fl-1992 u fih 4 bolol li juru: lil Ġesù jġorr is-salib (35c), il-Kurċifiss (70c), lil Ġesù jitniżżel mis-salib (90c) u lil Kristu jqum mill-Imwiet ($3).

## Barbuda




Waħda mill-Gżejjer Leeward fil-*West Indies* dipendenza ta' Antigua. Kienet tuża l-bolol kemm ta' Antigua u kemm dawk tal-Gżejjer Leeward fl-istess żmien. Il-bolol li ħarġet mill-1968 'il quddiem kienu validi wkoll f'Antigua. Għal sentejn, bejn l-1971 u l-1973, reġgħet użat il-bolol ta' Antigua.

S'issa ħarġet sitt settijjiet ta' l-Għid imqassmin kif ġej:

- fl-1969 sett ta' tliet bolol, tal-25c, 35c u 75c li juru t-tlugħ ta' Ġesù fis-sema;
- fl-1970: tliet bolol ta' l-istess denominazzjoni bi pitturi ta' Ugolino li rispettivament juru lil Ġesù tiela' l-Kalvarju, imniżżel mis-salib u msallab;
- fl-1971: sett "**mond**" **(?)** li juru fuq tal-35c u tal-75c tpenġija ta' anġlu b'važetti f'idejh u fuq tal-50c lil Kristu msallab, pittura ta' Rafael;
- fl-1978: sett ta' erba' bolol, li jġibu fuq tal-75c dettall ta' l-iskultura ta' Michelangelo, il-Pietà, fuq tal-95c is-Sagra Familja, u żewġ dettall minn żewġ pitturi fil-kappella sistina li juru fuq tal-$1.25 ħabbara Libjana u fuq taż-$2 id-dulluvju;
- fl-1979: tliet bolol 10c, 50c u $4 b'xogħlijiet ta' Durer;









- fl-1992: sett ta' tmien bolol imqassmin hekk: 10c, L-ikla f'Emmaus (Caravaggio), 15c, id-dehra ta' San Pietru (Zurbaran); 30c, Ġesù jkeċċi n-negozjanti tal-flus mit-tempju (Tiepolo); 40c, il-martirju ta' San Bartilmew (Ribera); $1, dettall mill-pittura ta' Tiepolo li juri lil Ġesù jkeċċi n-negozjanti tal-flus mit-tempju; $2, il-Kruċifissjoni (Altdorfer); $4 u $5, żewġ dettalji mill-pittura ta' Fra Angelico tad-Difna ta' Kristu;




## Belgium

Iltqajna ma' sett wieħed biss u dan biex ifakkar l-Għaqda tas-Salib l-Aħmar (*Red Cross*) Belġjana, maħruġ fl-1989 u fih tliet bolol ta' 9f, 13f u 24f li juru rispettivament: dettall mill-Kruċifissjoni (Rogier van der Weyden), il-Madonna b'Ġesù Bambin (Gerard David), is-Samaritan it-Tajjeb (Denis van Alsloot). Fuq kull waħda minn dawn il-bolol kien hemm soprataxxa ta' 2f, 3f u 6f li wieħed għandu jifhem li saru biex jinġabru fondi għall-għaqda msemmija.




## Belize




Qabel kien jismu British Honduras. Ħa l-indipendenza mill-Ingilterra fil-21 ta' Settembru ta' l-1981 u baqa' jagħmel parti mill-*Commonwealth*. Fl-1973 beda jġib l-isem ta' Belize fuq il-bolol.

- Fl-1986 ħareġ l-ewwel sett bi tmien bolol kollha tal-50c li juru l-Papiet Piju X, XI u XII, Benedittu XV, Ġwanni XXVIII, Pawlu VI u Ġwanni Pawlu I u II.
- Imbagħad fl-1988 ħareġ sett ieħor ta'l-Għid b'erbatax-il bolla kollha tal-40c li juru l-Via Sagra.
- fl-1999 sett ta' erba' bolol tal-10c, 25c, 60c u $1 li iżda juru fjuri minkejja li nħareġ bħala sett ta' l-Għid.




## Bophuthatswana

Repubblika mwaqqfa fis-6 ta' Diċmbru 1977 bħala waħda mill-artijiet tas-suwed fl-Afrika ta' Isfel fi żmien meta kienet titħaddem il-politika tal-Apartheid mill-bojod li dak iż-żmien kienu jmexxu l-pajjiż. Għalkemm dan il-pajjiż ma kienx rikonoxxut mill-komunità internazzjonali bħala pajjiż politikament indipendenti, il-bolol tiegħu kienu aċċettati u jidhru rapportati fil-pubblikazzjonijiet filateliċi ta' Stanley Gibbons. Fis-27 ta' April 1994 dan il-pajjiż reġa' kien inkorporat bħala parti integrali mill-Afrika ta' Isfel. Niltaqgħu ma' diversi settijiet ta' bolol ta' l-Għid:




- fl-1981, sett ta' erba' bolol b'dawn is-suġġetti meħudin minn sentenzi fil-vanġeli: 'Ara il-Ħaruf ta' Alla' (5c), 'Jiena l-Ħobs tal-Ħajja' (15c), 'Jiena r-Ragħaj it-tajjeb' (20c) u 'Jekk il-qamħa ma taqax fil-ħamrija u tmut.' (25c).




- fl-1982, sett ta' erba' bolol li juru l-Ġesù jasal Betanja (15c); Ġesù jibgħat lid- dixxipli jġibu ħmar (20c), id-dixxipli ġejjin bil-ħmar (25c) u d-dixxipli flimkien mal-ħmar u felu (30c).




- fl-1983, sett ta' l-Għid dwar Ħadd il-Palm, fih erba' bolol li jippreżentaw lid-dixxipli jġibu l-ħmar lil Ġesù (8c), Ġesù jmelles il-felu (20c), Ġesù jidħol trijonali f'Ġerusalem (25c) u l-folla tifraħ b'Ġesù (40c).




- fl-1984, sett ieħor ta' erba' bolol b'dawn it-temi: in-negozjanti tal-flus fit-tempju (10c), Ġesù jkeċċi n-negozjanti tal-flus mit-tempju (20c), Ġesù u s-siġra tat-tin (25c), is-siġra tat-tin tinxef (40c).




- fl-1985, sett denominat f'bolol ta' 12c, 25c, 30c u 50c li juru rispettivament: il-morda jiffullaw madwar Ġesù, Ġesù jfejjaq 'il-morda, tfal ifaħħru lil Ġesù u l-mexxejja Lhud jiddiskutu 'l Ġesù.




- fl-1986, sett denominat f'bolol ta' 12c, 20c, 25c u 30c li juru fl-istess ordni: lil Ġesù għand Marta u Marija, Marija Madalena tidlek saqajn Kristu, Marija Madalena tixxottahomlu b'xuxitha u dixxiplu jikkundanna lil Marija Madalena talli dilket ras Kristu biż-żejt.

- fl-1988, sett denominat f'bolol ta' 16c, 30c, 40c u 50c u li juru fl-istess ordni: Ġesù dieħal Ġerusalem, Ġuda jinnegozja mal-qassis il-kbir. Ġesù jaħel riġlejn l-appostli u Ġesù jnewwel biċċa ħobs lil Ġuda.




- fl-1989, erba' bolol tas-16c, 30c, 40c u 50c b'dawn is-suġġetti: l-aħħar ċena, Ġesù jitlob fl-ort tal-Ġetsemani, Ġuda jbus lil Kristu u Pietru jaqta' widnet il-qaddej tal-qassis il-kbir.




- fl-1991, erba' bolol oħra tal-21c, 35c, 40c u 50c bit-temi: Ġesù arrestat,  mgħoddi ġuri mis-Sanhedrin, imżeblaħ u s-seftura tagħraf lil Pietru.




- fl-1992, erba' bolol, tas-27c, 45c, 65c u 85c li jfakkru: 'l Ġesù mogħti f'idejn Pilatu, ifflaġellat, inkurunat bix-xewk u imżeblaħ mis-suldati.




- fl-1993, sett denominat 35c, 70c, 90c u 1r.05c, u juru lil Pilatu joffri l-ħelsien lil Barabba, Ġesù jaqa' taħt il-piż tas-salib, Xmun Ċirinew iġorr is-salib u Ġesù jiġi msammar mas-salib.






- is-sett ta' l-1994, denominat 35c, 65c, 85c u 1r.05c juri l-kruċifissjoni, is-suldati u l-Lhud iżebilħu 'l Kristu, is-suldat jisqi l-ħall lil Ġesù u l-akkuża mwaħħla fuq is-salib li fuqu jidher Kristu msallab.

*Qed inġibu l-istatwa ta' Kristu Rxoxt meqjuma fil-knisja ta' Bormla illi se tidher fuq waħda mill-bolol ta' sett ġdid illi se joħroġ għall-ewwel darba fit-12 ta' April 2006 meta l-posta ta' Malta tuża timbru speċjali ta' l-ewwel jum.*

*L-Istawa nħadmet fl-injam minn skultur Spanjol, kienet inġabet minn Napli fl-1741 minn ċertu Celestino Sacco. Id-disinn tal-lapida ta' fuq il-qabar sar minn Abram Gatt, fl-1926. Aktar tard inksiet bil-fidda fuq inizjattiva tal-barklori Bormliżi, xogħol li sar Milan.*



BOV
Bank of Valletta

# Il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Każin San Filep

● Mario Fenech



Kull meta jkunu resqin il-jiem li matulhom il-Knisja tkun qiegħda tipprepara biex tiċċelebra l-akbar festa tagħha ta' matul is-sena, għadd kbir ta' gruppi u għaqdiet ikunu qegħdin jippreparaw biex jaraw li s-sehem tagħhom f'dawn il-festi jkun wieħed tajjeb u ta' livell għoli.

Fir-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa huma importanti u jiġu ċċelebrati bil-parteċipazzjoni ta' bosta gruppi, għaqdiet u nies li bix-xogħol tagħhom ikun iddedikat għall-aħħar.

Wara li l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ġiet żviluppata u stabbilita bħala waħda mill-ewlenin, f'Ħaż-Żebbuġ bdew jinbtu għadd sabiħ ta' wirjiet li fihom dak li jkun qiegħed iżurhom żgur li jibqa' impressjonat b'dak li jkun hemm fil-wirja.

Fil-Każn tal-Banda San Filep din il-ħeġġa ta' parteċipazzjoni waqt il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa kienet ilha tinħass, u l-ewwel wirjiet li kienu bdew isiru, taw indikazzjoni ċara li kien hemm lok għal aktar parteċipazzjoni mill-membri biex dawn il-wirjiet jiġu mkabbra, kif ukoll għall-attendenza aktar minn dawk li jżuru l-wirja.

Fl-istess żmien li matulu dawn il-wirjiet kienu qegħdin jiżviluppaw b'mod professjonali u b'ritmu mgħaġġel, fis-sede tal-Banda San Filep kien għaddej wieħed mill-akbar proġetti li qatt rajna fil-gżejjer tagħna f'dak li huwa konness mal-każini tal-baned. Dan il-proġett bix-xogħol u l-ispejjeż kollu tiegħu ma naqqas xejn mill-parteċipazzjoni tal-membri fix-xogħol tal-wirjiet li jsiru.

Jien kemm-il darba kelli l-okkażjoni li nżur diversi studji differenti ta' dan il-proġett, u dawk li kienu jispjegawli x-xogħol li jkun qiegħed isir, dejjem kienu jispjegawli li f'moħħhom kellhom diġà mfassal fejn se jarmaw iċ-Ċena, il-Golgota, il-mudell tal-knisja u wirjiet oħrajn fis-swali spazzjużi li huwa mogħni bihom dan il-każin. Jista' jkun li jkun hemm min jaħseb li dan il-każin huwa xi ftit kbir iżżejjed, iżda jekk dan iżur il-każin waqt il-jiem li matulhom ikun hemm il-wirjiet miftuħa għall-pubbliku jinnota kemm kien bżonnjuż it-tkabbir ta' din is-sede.

B'dan il-ħsieb f'moħħi nawgura li din il-wirja ta' din is-sena tkun ta' interess għall-pubbliku bħalma dejjem kienet fis-snin li għaddew, filwaqt li nawgura wkoll l-Għid it-tajjeb lil kulħadd.



Issettjat u Stampat: Bestprint Ltd., Qrendi